



Opinjoni 28/2025 dwar l-Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea skont ir-Regolament (UE) 2016/679 dwar il-protezzjoni adegwata ta' data personali mill-Brażil

Verżjoni 1.0

Adottata fl-04 ta' Novembru 2025

Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

Sommarju eżekuttiv

Fil-5 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni Ewropea bdiet il-proċess lejn l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha ("Abbozz ta' Deċiżjoni") dwar il-protezzjoni adegwata ta' data personali mir-Repubblika Federattiva tal-Brażil ("il-Brażil").

Fil-5 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni Ewropea talbet l-opinjoni tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ("EDPB", European Data Protection Board). Il-valutazzjoni tal-EDPB tal-adeqwatezza tal-livell ta' protezzjoni mogħti mill-Brażil saret abbażi tal-eżami tal-Abbozz ta' Deċiżjoni nnifsu, kif ukoll abbażi ta' analiżi tad-dokumentazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fis-siti web uffiċjali tal-awtoritajiet Brażiljani.

L-EDPB iffoka kemm fuq il-valutazzjoni tal-aspetti ġenerali tal-GDPR tal-Abbozz ta' deċiżjoni kif ukoll fuq l-aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi għad-data personali ttrasferita miż-ŻEE għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u ta' sigurtà nazzjonali, inklużi r-rimedji legali disponibbli għall-individwi fiż-ŻEE. L-EDPB ivvaluta wkoll jekk is-salvagwardji pprovduti taħt il-qafas legali fil-Brażil humiex fis-seħħ u effettivi.

Bħala referenza ewlenija għal din il-ħidma, l-EDPB uża L-Adegwatezza Referenzjali adottat fit-28 ta' Novembru 2017 mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29² kif rivedut l-aħħar u adottat fis-6 ta' Frar 2018 mill-EDPB ("L-Adegwatezza Referenzjali") u r-Rakkomandazzjonijiet 02/2020 tal-EDPB dwar il-Garanziji Essenzjali Ewropej għal miżuri ta' sorveljanza.

L-EDPB jinnota b'mod pożittiv li l-qafas dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari, il-Liġi Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data fil-Brażil ("LGPD", Lei Geral de Proteção de Dados), flimkien mad-digriet Presidenzjali u mar-regolamenti vinkolanti maħruġa mill-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data tal-Brażil ("ANPD", Agência Nacional de Proteção de Dados), jistabbilixxu rekwiżiti (inkluż fir-rigward tal-prinċipji, tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data, tat-trasferimenti, tas-sorveljanza u tar-rimedju) li huma allinjati mill-qrib mal-GDPR u mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("QĠUE").

L-EDPB ikkonkluda wkoll li fl-Abbozz ta' deċiżjoni l-Kummissjoni Ewropea għandha tiċċara ċerti aspetti tal-qafas legali tal-Brażil u timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi tiegħu.

Fir-rigward tal-prinċipju tal-akkontabilità u tar-rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data (DPIA, Data Protection Impact Assessment), l-EDPB iqis importanti l-obbligu li din titwettagħ f'każijiet li fihom il-proċessar jista' jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni fiżiċi u li d-DPIA tkopri l-valutazzjoni tan-neċessità u tal-proporzjonalità tal-proċessar. Għalhekk, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timmonitorja l-implimentazzjoni Prattika ta' dawn ir-rekwiżiti.

L-LGPD tipprevedi limitazzjoni għall-għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-data jew lill-awtorità superviżorja abbażi tas-"segretezza kummerċjali u industrijali" f'ċerti każijiet. Filwaqt li titqies l-importanza tar-rekwiżiti ta' trasparenza biex is-suġġetti tad-data jkollhom

¹ Ir-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE.

² Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, WP 254 rev.01, adottat fit-28 ta' Novembru 2017 u kif rivedut l-aħħar u adottat fis-6 ta' Frar 2018, approvat mill-EDPB

il-possibbiltà li jikkontrollaw kif tiġi pproċessata d-data tagħhom, kif ukoll l-importanza tal-obbligi li jikkooperaw mal-awtorità superviżorja, b'mod partikolari, li jipprovdu informazzjoni neċessarja għall-kompiti superviżorji tagħha, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dawn il-limitazzjonijiet fil-prattika biex tifhem aħjar l-impatt tagħha fuq id-drittijiet ta' informazzjoni u ta' aċċess, kif ukoll fuq is-setgħat tal-ANPD, jekk ikun hemm.

Fir-rigward tar-regoli ta' trasferiment ulterjuri, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiċċara fl-Abbozz ta' deċiżjoni jekk it-trasferimenti jistgħux jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet, ekwivalenti għall-Artikolu 49 tal-GDPR, biss fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali fejn ma jistgħux jintużaw strumenti oħra għat-trasferiment. Il-Kummissjoni hija mistiedna wkoll tiċċara jekk is-suġġetti tad-data humiex infurmati dwar: ir-riskji possibbli tat-trasferiment meta dan ikun ibbażat fuq il-kunsens tagħhom u fuq iċ-ċirkostanzi tat-trasferiment (id-durata u l-iskop tat-trasferiment, il-pajjiżi tad-destinazzjoni, ir-responsabbiltajiet tal-partijiet involuti, id-drittijiet tas-suġġetti tad-data u l-mezzi biex dawn jiġu eżerċitati) irrispettivament mill-għodda tat-trasferiment użata.

Barra minn hekk, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkompli telabora dwar il-kompiti tal-Kunsill Nazzjonali għad-Data Personali u tal-Kunsill għall-Protezzjoni tal-Privatezza u l-interazzjoni tiegħu mal-ANPD.

Fir-rigward tal-aċċess u tal-użu mill-awtoritajiet pubbliċi Brażiljani ta' data personali ttrasferita lill-kontrolluri u lill-proċessuri fil-Brażil għall-finijiet tal-infurzar tad-dritt kriminali u tas-sigurtà nazzjonali ("aċċess tal-gvern"), l-EDPB jinnotta li l-LGPD ma tapplikax għall-proċessar tad-data li jitwettaq għall-finijiet *esklużivi* tas-sikurezza pubblika, tad-difiża nazzjonali, tas-sigurtà tal-Istat, jew tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali. Fl-istess ħin, l-EDPB jinnotta b'mod pożittiv li, fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti Suprema Federali tal-Brażil interpretat l-LGPD b'mod li espanda l-applikabbiltà parzjali tagħha għall-proċessar ta' data personali għal investigazzjonijiet kriminali u għaż-żamma tal-ordni pubbliku.

Fid-dawl ta' dan, huwa jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u tiċċara aktar fl-abbozz ta' Deċiżjoni l-applikabbiltà tal-LGPD f'każ ta' proċessar ta' data personali għall-finijiet ta' infurzar tad-dritt kriminali, inklużi s-setgħat investigattivi u korrettivi tal-ANPD fil-konfront tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll li tqis bir-reqqa kwalunkwe żvilupp rilevanti f'dan ir-rigward bħala parti mill-obbligu ta' monitoraġġ tagħha.

Filwaqt li huwa konxju mill-fatt li l-Istati jingħataw marġni wiesa' ta' diskrezzjoni biex jiddefinixxu kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali, li mbagħad jippermetti eżenzjonijiet tas-sigurtà nazzjonali fil-proċessar ta' data personali, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni tiddekrivi u tispjega b'mod aktar preċiż fl-abbozz ta' Deċiżjoni l-qafas tal-kunċett ta' sigurtà nazzjonali skont id-dritt Brażiljan. B'rabta ma' dan, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni tiċċara aktar kif l-eżenzjonijiet mil-LGPD għall-finijiet ta' sigurtà nazzjonali huma relatati mal-ġbir u mal-kondiviżjoni tad-data bejn l-entitajiet pubbliċi fi ħdan is-Sistema tal-intelligence Brażiljana (SISBIN, Sistema Brasileiro de Inteligência).

Werrej

1. INTRODUZZJONI	5
2. ASPETTI ĠENERALI TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA	6
2.1 Akkontabilità u governanza tad-data	6
2.2 Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet	7
2.2.1 Kamp ta' applikazzjoni materjali u territorjali tal-LGPD	7
2.2.2 Definizzjonijiet	8
2.3 Prinċipji tal-protezzjoni tad-data u bażijiet legali	8
2.3.1 Prinċipji tal-proċessar	8
2.3.2 Miżuri ta' sigurtà u ksur	9
2.3.3 Legalità tal-proċessar	10
2.4 Drittijiet individwali	11
2.5 Restrizzjonijiet fuq trasferimenti ulterjuri	11
2.6 Mekkaniżmi proċedurali u tal-infurzar	13
2.6.1 Sorveljanza indipendenti	13
2.6.2 Rimedju	14
2.6.3 Sanzjonijiet	15
3. AĊĊESS U UŻU TA' DATA PERSONALI TRASFERITA MILL-UNJONI EWROPEA MILL-AWTORITAJIET PUBBLIĊI FIL-BRAZIL	15
3.1 Aċċess u użu mill-awtoritajiet pubbliċi Brażiljani għall-finijiet ta' infurzar tad-dritt kriminali	16
3.1.1 Qafas legali fl-oqsma tal-infurzar tad-dritt kriminali	16
3.1.2 Neċessità u proporzjonalità	17
3.1.3 Użu ulterjuri tad-data u trasferimenti ulterjuri	18
3.1.4 Sorveljanza u Rimedju	19
3.2 Aċċess u użu mill-awtoritajiet pubbliċi Brażiljani għall-finijiet ta' sigurtà nazzjonali 20	
3.2.1 Kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni tal-Artikolu 4(III) tal-LGPD u l-applikabbiltà tagħha għal reati kriminali kontra s-sigurtà tal-Istat	20
3.2.2 Qafas Legali għas-sigurtà nazzjonali	21
3.2.3 Trasferimenti ulterjuri u ftehimiet internazzjonali	23
3.2.4 Sorveljanza u Rimedju	24
4. IMPLIMENTAZZJONI U MONITORAĠĠ TAL-ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI	25

II-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70(1)(s) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR”),

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (iż-ŻEE) u, b'mod partikolari, l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018³,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

³ Ir-referenzi għal “Stati Membri” magħmula matul din l-opinjoni għandhom jinftehm bħala referenzi għall-“Istati Membri taż-ŻEE”.

1. INTRODUZZJONI

- (1) Il-Kapitolu V tal-GDPR jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti ta' data personali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali. It-trasferimenti ta' data personali jistgħu jsiru abbażi ta' deċiżjoni ta' adegwatezza mill-Kummissjoni Ewropea (l-Artikolu 45 tal-GDPR) jew, fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni ta' adegwatezza, fejn il-kontrollur jew il-proċessur jipprovdi salvagwardji xierqa, inklużi drittijiet eżekwibbli u rimedji legali għas-suġġett tad-data (l-Artikolu 46 tal-GDPR). Fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza jew ta' salvagwardji xierqa, trasferiment jew sett ta' trasferimenti lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali għandhom isiru f'ċerti kundizzjonijiet biss (l-Artikolu 49 tal-GDPR).
- (2) L-EDPB ifakkar li d-deċiżjonijiet ta' adegwatezza jirrikonoxxu l-protezzjoni kontinwa tad-data personali ttrasferita miż-ŻEE lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali u huma għodda robusta ta' trasferiment biex jiżguraw li d-drittijiet tas-suġġetti tad-data jiġu ssalvagwardjati meta d-data tiġi ttrasferita barra miż-ŻEE. Skont L-Adegwatezza Referenzjali⁴, u skont il-ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE⁵, filwaqt li l-pajjiż terz ma għandux għalfejn jipprovdi livell ta' protezzjoni identiku għal dak iggarantit fl-ordni ġuridiku tal-UE, l-espressjoni "livell adegwat ta' protezzjoni" fl-Artikolu 45(1) tal-GDPR trid tinftehem li tirrikjedi li dak il-pajjiż terz fil-fatt jiżgura, bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni domestika tiegħu jew tal-impenji internazzjonali tiegħu, livell ta' protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali essenzjalment ekwivalenti għal dak iggarantit fl-Unjoni Ewropea, li jinqara fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.
- (3) Il-Brażil huwa Repubblika Federattiva magħmula mill-unjoni tas-26 Stat u ta' Distrett Federali wieħed, kif stabbilit fil-Kostituzzjoni Federali tagħha ("Kostituzzjoni")⁶. L-Istati tal-Brażil għandhom ukoll il-kostituzzjonijiet tagħhom stess, li ma jistgħux jikkontradixxu l-Kostituzzjoni Federali. Il-privatezza u l-protezzjoni tad-data huma protetti fil-Kostituzzjoni bħala drittijiet fundamentali (l-Artikoli 5(X), 5(XII) u 5(LXXIX) tal-Kostituzzjoni)⁷ u rikonoxxuti mill-Qorti Kostituzzjonali għal kwalunkwe persuna, inklużi persuni barranin, irrispettivament minn jekk tali persuna tkunx residenti fil-Brażil⁸ jew le.
- (4) Il-biċċa leġiżlazzjoni ewlenija li tirregola l-protezzjoni tad-data hija l-Liġi Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jew il-"Lei Geral de Proteção de Dados ("LGPD") (Nru 13.709 tal-14 ta' Awwissu 2018, emendata l-aħħar bil-liġi Nru 14.460 tal-25 ta' Ottubru 2022). L-LGPD hija ssupplimentata bid-digriet vinkolanti (id-Digriet Presidenzjali Nru 10.474 tas-26 ta' Awwissu 2020 u d-Digriet Presidenzjali Nru 11.758 tat-30 ta' Ottubru 2023), li huma legalment vinkolanti u eżekwibbli⁹.
- (5) Minbarra l-LGPD, il-qafas Brażiljan dwar il-protezzjoni tad-data jinkludi regolamenti vinkolanti maħruġa mill-Awtorità tal-Brażil għall-Protezzjoni tad-Data ("ANPD", Agência Nacional de Proteção de Dados)¹⁰. Dawn ir-regolamenti jipprovdu aktar regoli dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-LGPD¹¹. Pereżempju, ir-Regolament Nru 4 tal-24 ta' Frar 2024 dwar l-

⁴ Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, WP 254 rev.01, adottat fit-28 ta' Novembru 2017 u kif rivedut l-aħħar u adottat fis-6 ta' Frar 2018, approvat mill-EDPB, il-Kapitolu 3, C.

⁵ Il-QĠUE, is-6 ta' Ottubru 2015, Is-sentenza fil-Kawża C-362/14, Maximilian Schrems vs Data Protection Commissioner ("Schrems") u l-Qorti Ġenerali, 3 ta' Settembru 2025, Is-sentenza fil-Kawża T-553/23, Philippe Latombe vs Il-Kummissjoni Ewropea ("Latombe").

⁶ Ara l-Premessa 7 tal-Abbozz ta' deċiżjoni.

⁷ Ara l-Premessa 8 tal-Abbozz ta' deċiżjoni.

⁸ Ara l-Premessa 9 tal-Abbozz ta' deċiżjoni.

⁹ Ara l-Premessi 11 u 12 tal-Abbozz ta' deċiżjoni.

¹⁰ Ir-regolamenti vinkolanti kollha maħruġa mill-ANPD jistgħu jiġu aċċessati hawnhekk: https://www.gov.br/anpd/pt-br/acao-a-informacao/institucional/atos-normativos/regulamentacoes_anpd.

¹¹ Ara l-Premessa 13 tal-Abbozz ta' deċiżjoni.

Applikazzjoni ta' Sanzjonijiet Amministrattivi, ir-Regolament Nru 15 tal-24 ta' April 2024 dwar in-Notifika ta' Inċidenti ta' Sigurtà ("ir-Regolament dwar in-Notifiki ta' Inċidenti ta' Sigurtà"), ir-Regolament Nru 19 tat-23 ta' Jannar 2024 dwar it-Trasferiment Internazzjonali ta' Data Personali (ir-"Regolament dwar it-Trasferiment ta' Data"), ir-Regolament Nru 2 tas-27 ta' Jannar 2022 dwar l-Applikazzjoni tal-LGPD għal Intrapriżi Żgħira u ta' Daqs Medju, ir-Regolament Nru 18 tal-15 ta' Lulju 2024 dwar ir-Rwol tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (ir-"Regolament UPD").

- (6) L-EDPB jilqa' r-ikonoxximent kostituzzjonali tad-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data bħala drittijiet fundamentali, implimentat ulterjorment permezz tad-dritt nazzjonali. Barra minn hekk, l-EDPB jinnota b'mod pożittiv l-impenji internazzjonali li l-Brażil daħal għalihom¹²
- (7) L-EDPB jinnota li, skont l-Artikoli 47 u 94 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-istituzzjonijiet¹³, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea jistgħu jittrasferixxu data personali lil pajjiż terz, lil territorju, lil settur, jew lil organizzazzjoni internazzjonali rikonoxxuta mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 45(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 bħala li tiżgura livell adegwat ta' protezzjoni, dment li t-trasferiment iservi biss kompiti fi ħdan il-kompetenza tal-kontrollur, mingħajr ma jirrikjedi awtorizzazzjoni ulterjuri. L-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ttenni din il-possibbiltà legali fil-premessi tal-Abbozz ta' Deċiżjoni.

2. ASPETTI ĠENERALI TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA

2.1 Akkontabilità u governanza tad-data

- (8) L-LGPD tipprevedi l-prinċipju tal-akkontabilità bħala wieħed mill-prinċipji ġenerali applikabbli għall-proċessar ta' data personali. Skont dan, il-kontrolluri u l-proċessuri¹⁴ għandhom jadottaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jikkonformaw b'mod effettiv mal-obbligi tagħhom dwar il-protezzjoni tad-data u jridu jkunu jistgħu juru tali konformità, fost l-oħrajn lill-awtorità superviżorja kompetenti (l-Artikolu 46 tal-LGPD). L-EDPB jinnota li miżuri bħal dawn jinkludu l-ħatra ta' Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (l-Artikolu 41 tal-LGPD) kif spjegat f'aktar dettall fir-Regolament UPD tal-ANPD; il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Data (l-Artikolu 38 tal-LGP) kif ukoll iż-żamma tar-rekords tal-attivitajiet ta' proċessar ta' data (l-Artikolu 37 tal-LGPD). Barra minn hekk, l-LGPD tiddikjara li l-kontrolluri u l-proċessuri jistgħu jfasslu regoli interni għal mudelli ta' Prattika Tajba u ta' governanza inklużi pjanijiet għal attivitajiet edukattivi, mekkaniżmu ta' superviżjoni interna u mitigazzjoni tar-riskju (l-Artikolu 50 tal-LGPD). L-EDPB jinnota b'mod pożittiv li strumenti bħal dawn huma simili għal dawk previsti fil-GDPR biex jiġi implimentat il-prinċipju tal-akkontabilità u jilqa' tali allinjament mill-qrib.
- (9) L-EDPB jinnota li fir-rigward tad-DPIA, l-LGPD ma tinkludix obbligu ċar li titwettaq id-DPIA f'każijiet li fihom il-proċessar jista' jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni fiżiċi, fejn tirreferi biss għat-talba possibbli mill-ANPD. F'dan ir-rigward, l-EDPB jinnota

¹² Ara l-Premessi 8 sa 10 tal-Abbozz ta' Deċiżjoni.

¹³ Ir-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE ("EUDPR", EU Data Protection Regulation), ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.

¹⁴ Aġenti tal-proċessar, skont l-Artikolu 5(IX) tal-LGPD.

li l-ANPD tirrakkomanda li d-DPIA ssir meta l-operazzjoni ta' proċessar tista' tirriżulta f'riskju għoli fil-"Mistoqsijiet frekwenti" relatati mad-DPIA¹⁵ ("FAQs dwar id-DPIA"). Barra minn hekk, l-LGPD ma tinkludix b'mod espliċitu l-valutazzjoni tan-neċessità u tal-proporzjonalità fl-ambitu tad-DPIA. Madankollu, l-FAQs dwar id-DPIA jirrakkomandaw lill-kontrolluri u lill-proċessuri biex jivvalutaw fid-DPIAs tagħhom in-neċessità u l-proporzjonalità tal-proċessar.

- (10) F'dan l-isfond, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timmonitorja l-implimentazzjoni prattika ta' dawn ir-rekwiżiti biex tivverifika li d-DPIA titwettaq meta l-operazzjoni ta' proċessar tista' tirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni fiżiċi u li l-valutazzjoni tan-neċessità u tal-proporzjonalità tal-operazzjonijiet ta' proċessar fir-rigward tal-finijiet hija inkluża wkoll fid-DPIAs.

2.2 Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

- (11) Il-Kapitolu 3 ta' L-Adegwatezza Referenzjali huwa ddedikat għall-"Prinċipji dwar il-Kontenut" u jirreferi għal kunċetti u għal prinċipji bażiċi dwar il-protezzjoni tad-data. Sistema ta' pajjiż terz jew ta' organizzazzjoni internazzjonali jrid ikun fiha tali kunċetti u prinċipji bażiċi biex jiġi żgurat livell essenzjalment ekwivalenti ta' protezzjoni ta' data personali għal dak iggarantit mid-dritt tal-UE. Dawn ma għandhomx għalfejn jirriflettu t-terminoloġija tal-GDPR iżda għandhom jirriflettu u jkunu konsistenti mal-kunċetti minqax fil-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data. L-Adegwatezza Referenzjali jirreferi għall-kunċetti importanti li ġejjin: "data personali", "ipproċessar", "kontrolluri tad-data", "proċessur tad-data", "riċevitur" u "data sensittiva". Se jsiru kummenti dwar dan l-aspett tal-liġi Brażiljana fil-paragrafi li ġejjin.

2.2.1 Kamp ta' applikazzjoni materjali u territorjali tal-LGPD

- (12) L-EDPB jilqa' l-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni tal-LGPD, kemm materjali kif ukoll territorjali huwa simili ħafna għal dak previst mill-qafas tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.
- (13) L-Artikolu 4 tal-LGPD jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu l-proċessar għal skopijiet purament personali u mhux ekonomiċi u tali eċċezzjonijiet huma previsti wkoll fil-GDPR (l-Artikolu 2(2)(c) tal-GDPR). Barra minn hekk, xi operazzjonijiet oħra ta' proċessar jaqgħu parzjalment barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-LGPD, b'mod partikolari, l-proċessar għal dawn li ġejjin: is-sikurezza pubblika, id-difiża nazzjonali, l-istat statutorju, jew l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali; il-finijiet ġurnalistiċi u artistiki; ir-riċerka akkademika; ir-riċerka dwar is-saħħa (l-Artikolu 3(III) tal-LGPD). Dan huwa spjegat f'aktar dettall fit-Taqsima 3.1 ta' din l-Opinjoni.
- (14) Fir-rigward speċifiku tal-applikazzjoni parzjali tal-LGPD għall-proċessar ta' data personali mwettaq għal finijiet ġurnalistiċi u artistiki, l-EDPB jinnota li l-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni huwa ekwivalenti għal dak stabbilit fl-Artikolu 85(2) tal-GDPR¹⁶, jiġifieri tali eċċezzjoni tapplika biss meta d-data personali tiġi pproċessata esklużivament għal skop bħal dan, kull proċessar ieħor mill-istampa, mill-media, minn korpi artistiki jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-LGPD. Barra minn hekk, xi eċċezzjonijiet previsti għall-proċessar ta' data personali esklużivament għal skopijiet akkademiki, jiġifieri l-Artikoli 7 (rekwiżiti għall-bażi legali) u 11 (regoli dwar il-proċessar ta' data sensittiva) tal-LGPD jibqgħu applikabbli¹⁷. Il-kamp

¹⁵ https://www.gov.br/anpd/pt-br/canaais_atendimento/agente-de-tratamento/relatorio-de-impacto-a-protecao-de-dados-pessoais-ripd.

¹⁶ Ara wkoll il-Premessa 35 tal-Abbozz ta' deċiżjoni.

¹⁷ Ara wkoll il-Premessi 32 u 33 tal-Abbozz ta' deċiżjoni.

ta' applikazzjoni ta' dawn l-eċċezzjonijiet huwa wkoll konformi ma' dak stabbilit fl-Artikolu 85(2) tal-GDPR.

2.2.2 Definizzjonijiet

- (15) L-EDPB jinnota b'mod pożittiv l-allinjament mal-qafas tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data fir-rigward tad-definizzjonijiet li jintużaw fl-LGPD li huma konsistenti ma' dawk previsti fil-GDPR. B'mod partikolari, l-LGPD tiddefinixxi "data personali", "informazzjoni psewdonima", "data anonima"¹⁸, "proċessar ta' data", "kontrollur tad-data", "proċessur tad-data" u "data sensittiva" (l-Artikolu 5 tal-LGPD) b'mod simili għal kif inhuma definiti fil-GDPR, jiġifieri l-Premessa 26, l-Artikolu 4 u l-Artikolu 9(1). Definizzjonijiet oħra, eż. "suġġett tad-data", "uffiċjal tal-protezzjoni tad-data", "kunsens", "valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data" u kunċetti ta' "kontroll konġunt"¹⁹ huma wkoll essenzjalment ekwivalenti għall-kunċetti kif previsti fil-GDPR.

2.3 Prinċipji tal-protezzjoni tad-data u bażijiet legali

2.3.1 Prinċipji tal-proċessar

- (16) L-Adegwatezza Referenzjali, f'konformità mal-GDPR, jistabbilixxi li d-data trid tiġi pproċessata b'mod legali, ġust u leġittimu. Skont l-Artikolu 6 tal-LGPD, l-attivitajiet ta' proċessar ta' data personali għandhom isiru b'rieda tajba u jkunu soġġetti għall-prinċipji li ġejjin: l-iskop, l-adekwatezza, in-neċessità, l-aċċess liberu²⁰, il-kwalità tad-data, it-trasparenza, is-sigurtà, il-prevenzjoni, in-nondiskriminazzjoni, ir-responsabbiltà u l-akkontabilità.
- (17) Filwaqt li tqis il-kunċetti ta' dawn il-prinċipji, l-ordinament ġuridiku Brażiljan jistabbilixxi l-istess prinċipji ta' proċessar ta' data stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-GDPR. Pereżempju, fir-rigward tal-limitazzjoni tal-iskop, fl-Artikolu 7, il-paragrafu 7, l-LGPD tipprevedi li "l-proċessar sussegwenti ta' data personali msemija fil-paragrafi 3 (data personali aċċessibbli għall-pubbliku) u 4 (data li ssir pubblika b'mod ċar mis-suġġett tad-data) ta' dan l-Artikolu jista' jitwettagħ għal skopijiet ġodda, dment li jiġu osservati l-iskopijiet leġittimi u speċifiċi għall-proċessar il-ġdid u l-preservazzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-data, kif ukoll ir-raġunijiet u l-prinċipji stabbiliti f'din il-Liġi".
- (18) Il-GDPR jeħtieġ b'mod ċar li proċessar sussegwenti bħal dan isir biss jekk it-tali skop ġdid ikun kompatibbli mal-iskop inizjali. Ir-rekwiżit li tiġi żgurata l-kompatibbiltà tal-iskopijiet (kif ukoll il-konformità mal-istandards etiċi applikabbli u mas-salvagwardji tekniċi u legali) huwa enfazzzjat fil-Gwida għall-proċessar ta' data personali għal skopijiet akkademiċi u għat-twettiq ta' studji u ta' riċerka maħruġa mill-ANPD, kif ukoll fil-Linji Gwida dwar l-interess leġittimu. Fil-linji gwida dwar l-Interess Leġittimu, l-ANPD tispjega kif il-kontrollur tad-data jeħtieġlu juri rabta effettiva bejn iż-żewġ skopijiet tal-proċessar u jqis l-"aspettattivi leġittimi" tas-suġġett tad-data. Dawn il-linji gwida jkomplu jiċċaraw li "L-analiżi tal-aspettattivi leġittimi tista' tkun ibbażata fuq diversi fatturi, li fosthom jistgħu jiġu enfazzzati dawn li ġejjin: d) l-iskop maħsub tal-ġbir tad-data u l-kompatibbiltà tiegħu mal-proċessar ibbażat fuq interess leġittimu". L-EDPB jilqa' din il-kjarifika mill-ANPD, li tgħin biex jiġu allinjati aħjar ir-rekwiżiti tal-limitazzjoni tal-iskop.

¹⁸ L-Artikolu 12 tal-LGPD jispjega f'aktar dettall li d-data anonimizzata ma hijiex meqjusa bħala data personali flief meta l-anonimizzazzjoni tkun treġġgħet lura jew tista' titreġġa lura permezz ta' sforzi raġonevoli. Dan l-Artikolu jispjega li "raġonevoli" għandha tiġi kkunsidrata billi jitqiesu fatturi oġġettivi bħal dawn: 1) il-kost u l-ħin meħtieġa għar-riverżjoni; 2) it-teknoloġija disponibbli; u 3) l-użu esklużiv ta' kontrollur stess.

¹⁹ Ara l-Artikolu 42, il-paragrafu 1(i), tal-LGPD.

²⁰ "Aċċess liberu: il-garanzija lis-suġġetti tad-data ta' konsultazzjoni ffaċilitata u mingħajr ħlas dwar il-forma u d-durata tal-proċessar, kif ukoll dwar l-integrità tad-data personali tagħhom" (l-Artikolu 6, il-parti IV, tal-LGPD).

- (19) Il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħażna previst fil-GDPR jistipula li d-data għandha tinħażen biss għall-perjodu neċessarju biex jiġu żgurati l-iskopijiet li għalihom tiġi pproċessata (l-Artikolu 5(1)(e) tal-GDPR). Għalkemm l-Artikolu 6 tal-LGPD ma jinkludix b'mod espliċitu l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħażna, dan l-Artikolu għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 15 tal-LGPD li jispeċifika r-rekwiżit f'każ ta' terminazzjoni tal-proċessar ta' data. F'dan l-Artikolu, il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħażna huwa marbut b'mod ċar mal-prinċipji ta' "adegwatezza" u ta' "neċessità" li huma fi ħdan il-prinċipji ġenerali elenkati fl-Artikolu 6 tal-LGPD. Għal ċarezza aħjar, l-EDPB iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tiċċara fl-Abbozz ta' deċiżjoni l-interazzjoni tal-Artikoli 6 u 15 tal-LGPD fir-rigward tal-prinċipju ta' limitazzjoni tal-ħażna.
- (20) Barra minn hekk, fir-rigward tar-rekwiżiti ta' limitazzjoni tal-ħażna, l-Artikolu 16 tal-LGPD jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ħażna u t-tħassir ta' data personali wara t-tmiem tal-proċessar. Dan l-Artikolu jipprevedi wkoll erba' skopijiet li għalihom id-data tista' tinżamm wara t-tmiem tal-proċessar tad-data: (1) għall-konformità ma' obbligi legali jew regolatorji; (2) skopijiet tar-riċerka, filwaqt li tiġi żgurata, fejn possibbli, l-anonimizzazzjoni tad-data; (3) meta tiġi ttrasferita lil partijiet terzi f'konformità mar-rekwiżiti tal-LGPD; jew (4) meta tintuża esklużivament mill-kontrollur, sakemm id-data tkun anonimizzata u l-aċċess għal dik id-data minn partijiet terzi jkun ipprojbit. L-EDPB jinnota li dawn is-sitwazzjonijiet ta' proċessar huma konformi mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħażna stabbilit fil-GDPR.
- (21) Il-prinċipju tat-trasparenza u tal-ġustizzja jfittex li jiżgura li s-suġġetti tad-data jkollhom kontroll fuq id-data personali tagħhom u, għal dan l-għan, bħala regola, għandha tiġi pprovduta informazzjoni lis-suġġett tad-data b'mod proattiv²¹. Sadanittant, l-LGPD tistabbilixxi limitazzjoni għal dan il-prinċipju fir-rigward tas-"segretezza kummerċjali u industrijali" li jista' jkollha impatt fuq is-suġġetti tad-data biex jirċievu informazzjoni dwar il-proċessar tad-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw il-kontroll tagħhom fuqha (eż. permezz tas-sottomissjoni tal-ilment lill-ANPD). Madankollu, fl-Abbozz ta' deċiżjoni, il-Kummissjoni Ewropea tispjega li din il-limitazzjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-Liġi tal-Brażil dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni u d-Digriet Presidenzjali Nru 7.721 tas-16 ta' Mejju 2012 u "għalhekk għandha tiġi interpretata b'mod li l-proċessar u d-divulgazzjoni b'xi mod ieħor ta' informazzjoni ma għandhomx jiżvelaw sigriet kummerċjali jew joħolqu vantaġġ kompetittiv għal atturi oħra, filwaqt li jissodisfaw l-oġettivi ta' protezzjoni ta' data personali. Dan ifisser li, fir-rigward tal-prinċipju tat-trasparenza, u fit-test kollu tal-LGPD, il-limitazzjoni għas-"segretezza kummerċjali u industrijali" ma għandhiex tinftehem bħala raġuni ġenerali għar-rifjut ta' konformità mal-liġi, iżda pjuttost li għandhom jiġu stabbiliti salvagwardji speċifiċi biex tiġi żgurata d-divulgazzjoni tal-informazzjoni b'mod li jiġu protetti dawn l-interessi"²².
- (22) Fid-dawl tal-importanza tal-prinċipju tat-trasparenza, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timmonitorja l-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fil-prattika biex tifhem aħjar l-impatt tagħha fuq id-dritt ta' informazzjoni u ta' aċċess.

2.3.2 Miżuri ta' sigurtà u ksur

- (23) L-LGPD tinkludi l-prinċipji ta' sigurtà u ta' prevenzjoni li jirrikjedu li jiġu applikati miżuri għall-protezzjoni ta' data personali u għall-prevenzjoni tad-danni relatati ma' tali proċessar (l-Artikolu 6(VII) u (VII) tal-LGPD), u barra minn hekk, l-LGPD tiddikjara b'mod espliċitu li fejn il-miżuri ta' sigurtà ma jiġux implimentati kif xieraq, il-proċessar tad-data jitqies illegali. Il-liġi tirrikjedi li jiġu implimentati l-miżuri neċessarji biex tintwera l-konformità ma' dan il-prinċipju permezz tal-

²¹ Dan huwa enfazzzjat ukoll minn L-Adegwatezza Referenzjali, ara l-Kapitolu 3, A(7).

²² Ara l-Premessa 81 tal-Abbozz ta' deċiżjoni.

approċċ ibbażat fuq ir-riskju (l-Artikoli 44, 46 u 47 tal-LGPD) u jiġu segwiti r-rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-ksur u għan-notifika ta' ksur (l-Artikoli 48 u 49 tal-LGPD). L-EDPB jinnota b'mod pożittiv li prinċipji u obbligi bħal dawn huma allinjati mill-qrib ma' daww stabbiliti fil-GDPR.

- (24) L-EDPB jilqa' l-adozzjoni ta' Regolament vinkolanti addizzjonali dwar in-Notifiki ta' Inċidenti ta' Sigurtà mill-ANPD li jipprovdi l-kunċett tal-inċident u d-dettalji għall-valutazzjoni tas-severità tiegħu (eż. meta l-inċident jitqies li joħloq riskji għas-suġġetti tad-data jew jaffettwa b'mod sinifikanti l-interessi u d-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data u, għalhekk, għandu jiġi kkomunikat lill-ANPD u lis-suġġett tad-data) kif ukoll dwar ir-rekwiżiti ta' notifika tal-inċidenti²³. F'dan ir-rigward, l-EDPB jinnota li, skont ir-Regolament dwar in-Notifiki ta' Inċidenti ta' Sigurtà, bħala regola ġenerali, "il-komunikazzjoni ta' inċident ta' sigurtà lill-ANPD trid titwettaq mill-kontrollur fi żmien 3 ijiem ta' xogħol"²⁴, u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tallinja l-Abbozz ta' deċiżjoni tagħha (il-Premessa 75) kif xieraq²⁵.
- (25) Fir-rigward tan-notifika ta' ksur tad-data, l-EDPB jinnota li l-LGPD tiddikjara li tali notifika (kemm lill-ANPD kif ukoll lis-suġġett tad-data) għandha tinkludi, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar miżuri tekniċi u tas-sigurtà użati għall-protezzjoni tad-data personali, adottati qabel u wara l-inċident, filwaqt li tosserva s-sigriet kummerċjali u industrijali (l-Artikolu 6(III) u l-Artikolu 9(II) tal-LGPD). L-EDPB jifhem in-neċessità li jiġi żgurat b'mod effettiv li d-dritt għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data ma jaffettwax b'mod avvers il-protezzjoni ta' drittijiet oħra u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni ta' tali limitazzjoni fejn l-informazzjoni dwar l-inċident tkun ġiet ipprovduta parzjalment (filwaqt li jitqiesu s-sigriet kummerċjali u industrijali), u l-impatt tagħha fuq is-setgħat tal-ANPD, jekk ikun hemm.

2.3.3 Legalità tal-proċessar

- (26) L-EDPB jinnota li l-prinċipju tal-legalità u l-implimentazzjoni tiegħu, kif previst fl-LGPD (l-Artikolu 5(XII) u l-Artikoli 7, 8 u 10), huwa allinjat mill-qrib ma' dak stabbilit fil-GDPR (l-Artikolu 4(11) u l-Artikoli 6, 7 u 9) u jilqa' dan l-allinjament.

2.3.3.1 Interess leġittimu

- (27) Ir-rekwiżiti tal-interess leġittimu li għandu jintuża bħala bażi legali għall-proċessar fl-LGPD (l-Artikoli 7(IX)) huma allinjati mal-GDPR (l-Artikoli 6(1)(f)). L-LGPD tenfasizza wkoll li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali (li jinkludu d-dritt għall-protezzjoni tad-data²⁶) normalment għandhom jipprevalu.
- (28) L-EDPB jinnota li l-Artikolu 10 tal-LGPD jelenka l-iskopijiet leġittimi li għalihom tista' tintuża din il-bażi legali. Wieheď minn dawn l-iskopijiet leġittimi huwa li tiġi appoġġata u promossa l-attività tal-kontrollur (l-Artikolu 10(I) tal-LGPD).
- (29) Filwaqt li din l-espressjoni tidher li hija wiesgħa, l-EDPB jinnota li l-kundizzjonijiet għall-“interess leġittimu” li għandu jintuża huma spjegati f'aktar dettall fil-Gwida “Bażijiet legali għall-proċessar ta' data personali – Interess leġittimu” (“Gwida dwar l-interess leġittimu”) adottata mill-ANPD. Din il-gwida tiċċara li biex interess jitqies bħala “leġittimu”, għandhom jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet: (1) il-kompatibbiltà mal-ordinament ġuridiku tal-Brażil; (2) ir-

²³ Ara l-Premessi 73 sa 77 tal-Abbozz ta' Deċiżjoni.

²⁴ Ara l-Artikoli 6 u 9 tar-Regolament dwar in-Notifiki ta' Inċidenti ta' Sigurtà.

²⁵ Ara l-Premessa 75 tal-Abbozz ta' Deċiżjoni, li skont din “In-notifika ta' inċident ta' sigurtà lill-ANPD u lis-suġġetti tad-data għandha ssir fi żmien 3 ijiem (72 siegħa) minn meta l-kontrollur isir jaf bih”.

²⁶ Ara l-Paragrafu 3 ta' din l-opinjoni.

referenza għal sitwazzjoni speċifika; u (3) li l-proċessar għandu jkun marbut ma' skopijiet leġittimi, speċifiċi u espliciti²⁷. Dawn il-kundizzjonijiet huma simili għal tliet kundizzjonijiet kumulattivi biex il-proċessar ta' data personali jkun legali skont din il-bażi legali, speċifikati mill-QĠUE²⁸, u l-ispejgazzjoni ulterjuri tagħhom ipprovduta mill-Qorti. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet għall-“interess leġittimu” speċifikati fil-Gwida dwar l-interess leġittimu huma qrib dawk tal-Linji Gwida adottati mill-EDPB²⁹. L-EDPB jilqa' l-approċċ meħud mill-ANPD fir-rigward tal-interess leġittimu u l-użu tiegħu għall-proċessar.

2.4 Drittijiet individwali

- (30) L-EDPB jilqa' l-fatt li l-LGPD tipprovd lill-individwi drittijiet simili għal dawk stabbiliti fil-GDPR (it-tnejn fil-Kapitolu III). B'mod partikolari, l-LGPD tipprevedi d-dritt ta' aċċess, id-dritt ta' rettifika, id-dritt għall-portabbiltà tad-data, id-dritt għar-restrizzjoni tal-proċessar, id-dritt għat-tħassir, id-dritt għall-informazzjoni, id-dritt li jiġi miċħud jew irtirat il-kunsens, u d-dritt ta' oġġezzjoni għall-proċessar u d-dritt ta' petizzjoni (l-Artikoli 9 u 18 tal-LGPD).
- (31) L-LGPD tipprovd wkoll lis-suġġetti tad-data d-dritt li jitolbu r-rieżami tad-deċiżjonijiet meħuda abbażi biss tal-proċessar awtomatizzat ta' data personali li jaffettwaw l-interessi tagħhom (l-Artikolu 20 tal-LGPD). Il-kontenut tal-Artikolu 20 tal-LGPD jirrifletti fis-sustanza l-Artikolu 22 tal-GDPR.
- (32) L-EDPB jinnota li, fir-rigward tad-drittijiet tas-suġġett tad-data, il-Liġi Brażiljana dwar *Habeas Data* tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi biex jingħata d-dritt ta' aċċess u d-dritt ta' rettifika fi żmien qasir (10 ijiem u 15-il jum rispettivament) minn meta individwu jippreżenta talba, u jilqa' dan l-aspett.
- (33) L-EDPD tqis li l-LGPD tistabbilixxi rekwiżiti essenzjalment ekwivalenti għad-drittijiet tas-suġġetti tad-data bħal dawk żgurati fil-GDPR.

2.5 Restrizzjonijiet fuq trasferimenti ulterjuri

- (34) L-Adegwatezza Referenzjali jiċċara li l-livell ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi li d-data personali tagħhom tiġi ttrasferita permezz ta' deċiżjoni ta' adegwatezza ma jistax jiġi mminat mit-trasferiment ulterjuri u, għalhekk, kwalunkwe trasferiment “għandu jkun permess biss meta r-riċevitur ulterjuri (jiġifieri r-riċevitur tat-trasferiment ulterjuri) ukoll ikun soġġett għal regoli (inklużi regoli kuntrattwali) li jagħtu livell adegwat ta' protezzjoni u jsegwi l-istruzzjonijiet rilevanti meta jipproċessa data f'isem il-kontrollur tad-data”.
- (35) Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-adeqwatezza tal-qafas u tal-prattika legali tal-Brażil, trasferiment ulterjuri jfisser it-trasferiment ta' data personali mill-entità, li tagħxi bħala Kontrollur, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-LGPD tal-Brażil, lil entità barra minn dan il-kamp ta' applikazzjoni.
- (36) Ir-rekwiżiti dwar it-trasferiment ulterjuri huma stabbiliti fil-Kapitolu V tal-LGPD u kkomplementati ulterjorment mill-ANPD permezz tal-adozzjoni tar-“Regolament dwar it-Trasferiment tad-Data” li jipprovd d-definizzjonijiet ta' “trasferiment”, “trasferiment

²⁷ Ara l-Premessa 52 tal-Abbozz ta' deċiżjoni

²⁸ Pereżempju, il-QĠUE, is-7 ta' Diċembru 2023, Is-sentenza fil-Kawża Magħquda C-26/22 u C-64/22, SCHUFA Holding AG, il-punti 75 sa 80.

²⁹ Guidelines 1/2024 on processing of personal data based on Article 6(1)(f) GDPR (Verżjoni 1.0), adottati fit-8 ta' Ottubru 2024.

internazzjonali tad-data", "importatur", "esportatur" u jinkludi rekwiżiti dettaljati għat-trasferimenti.

- (37) L-EDPB jinnota b'mod pożittiv li d-definizzjoni ta' "trasferiment" u ta' "trasferiment internazzjonali tad-data" huma allinjati ma' daww tal-linji gwida 05/2021 tal-EDPB³⁰.
- (38) Skont l-LGPD u r-Regolament dwar it-Trasferiment tad-Data, it-trasferimenti ulterjuri jistgħu jsiru biss għal skopijiet leġittimi, speċifiċi u espliċiti u meta jkunu fis-seħħ strumenti jew kundizzjonijiet speċifiċi (l-Artikolu 33 tal-LGPD u l-Artikoli minn 9 sa 33 tar-Regolament dwar it-Trasferiment tad-Data)³¹. L-EDPB japprezza li dawn l-istrumenti huma qrib l-għodod ta' trasferiment previsti fil-Kapitolu V tal-GDPR. Madankollu, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiċċara fl-Abbozz ta' deċiżjoni jekk it-trasferimenti jistgħux jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 33(III) sa (IX) tal-LGPD biss fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, meta ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 33(I) sa (II) tal-LGPD³².
- (39) Madankollu, ir-Regolament dwar it-Trasferiment tad-Data jispeċifika li t-trasferimenti internazzjonali ta' data personali jkunu permessi "meta s-suġġett tad-data jkun ipprova kunsens speċifiku u distingwibbli għal trasferiment bħal dan, b'informazzjoni preċedenti dwar in-natura internazzjonali tal-operazzjoni maħsuba, li tiddistingwiha b'mod ċar minn skopijiet oħra". Ma huwiex ċar jekk tali rekwiżit jinvolvi l-obbligu li s-suġġetti tad-data jiġu infurmati dwar ir-riskji possibbli ta' trasferimenti internazzjonali li jirriżultaw min-nuqqas ta' protezzjoni adegwata fil-pajjiż terz u n-nuqqas ta' salvagwardji xierqa (eż. informazzjoni li jaf ma jkunx hemm awtorità superviżorja u/jew prinċipji tal-proċessar tad-data u/jew drittijiet tas-suġġetti tad-data fil-pajjiż terz) li huwa rekwiżit skont l-Artikolu 49(1)(a) tal-GDPR. Għall-EDPB, u skont il-GDPR, l-għoti ta' din l-informazzjoni huwa essenzjali sabiex is-suġġett tad-data jkun jista' jagħti kunsens infurmat bl-għarfien sħiħ ta' dawn il-fatti speċifiċi tat-trasferiment. Għalhekk, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiċċara fl-Abbozz ta' Deċiżjoni jekk is-suġġett tad-data jkunx infurmat dwar ir-riskji possibbli ta' tali trasferiment li jirriżultaw min-nuqqas ta' protezzjoni adegwata fil-pajjiż terz u ta' salvagwardji xierqa.
- (40) Barra minn hekk, ir-Regolament dwar it-Trasferiment tad-Data jinkludi li "Kemmi il-kontrollur kif ukoll il-proċessur għandhom jadottaw miżuri effettivi li kapaċi juru r-rispett tar-regoli dwar il-protezzjoni ta' data personali u l-konformità magħhom u l-effettività ta' tali miżuri, b'mod li jkun kompatibbli mal-livell ta' riskju tal-proċessar u mal-modalità tat-trasferiment internazzjonali użat" (l-Artikolu 4, il-paragrafu 2, tar-Regolament dwar it-Trasferiment tad-Data). L-EDPB jilqa' l-inklużjoni ta' dan l-obbligu. Fl-istess ħin, ikun ta' benefiċċju li jiġi oċċarat li l-effettività ta' dawn il-miżuri għandha tiġi vvalutata sabiex jiġi żgurat ukoll li l-leġiżlazzjoni lokali ta' pajjiż terz rilevanti ma timminax il-kontinwità tal-protezzjoni tas-suġġetti tad-data li d-data tagħhom tiġi ttrasferita³³. L-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiċċara li dan l-element se jitqies ukoll fix-xenarji ta' trasferiment.
- (41) L-EDPB jilqa' l-inklużjoni ta' rekwiżit espliċitu ta' trasparenza fir-rigward tas-suġġett tad-data, jiġifieri s-suġġetti tad-data għandhom id-dritt li jirċievu l-istrument kuntrattwali użat għat-trasferiment ulterjuri kif ukoll id-deskrizzjoni ta' tali trasferiment, eż. id-durata u l-iskop tat-trasferiment, il-pajjiżi tad-destinazzjoni, ir-responsabbiltajiet tal-partijiet involuti, id-drittijiet tas-

³⁰ Il-paragrafu 9 ta' Il-Linji Gwida 05/2021 dwar l-Interazzjoni bejn l-applikazzjoni tal-Artikolu 3 u d-dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti internazzjonali skont il-Kapitolu V tal-GDPR, adottati fl-14 ta' Frar 2023.

³¹ Ara wkoll il-Premessi minn 101 sa 109 tal-Abbozz ta' Deċiżjoni.

³² L-Artikolu 49 tal-GDPR jispeċifika li d-derogi previsti f'dan l-Artikolu jistgħu jintużaw biss fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza skont l-Artikolu 45(3) tal-GDPR, jew ta' salvagwardji xierqa skont l-Artikolu 46 tal-GDPR.

³³ Ara s-sentenza Latombe. Ara wkoll il-QĠUE, is-16 ta' Lulju 2020, is-sentenza fil-Kawża C-311/18 ("Schrems II").

suġġetti tad-data u l-mezzi biex jeżerċitawhom (l-Artikolu 16 tar-Regolament dwar it-Trasferiment tad-Data).

- (42) Madankollu, jidher li tali ambitu tal-obbligu ta' trasparenza huwa rilevanti biss meta t-trasferimenti jitwettqu abbażi ta' klawżoli kuntrattwali standard u mhux meta tintuża għodda oħra³⁴. Għalhekk, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiċċara li japplikaw l-istess obbligi ta' trasparenza, irrispettivament mill-għodda ta' trasferiment użata.
- (43) L-EDPB jinnota wkoll li r-rekwiżiti għall-kontenut tar-regoli korporattivi vinkolanti ("BCR", Binding Corporate Rules) ma humiex kompletament allinjati ma' daww fil-GDPR, b'mod partikolari l-Artikolu 47(2)(f) u (l) tal-GDPR. Sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni mogħti mill-GDPR ma jiġix imminat, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiċċara fl-Abbozz ta' deċiżjoni li anke dawn l-elementi³⁵ jitqiesu meta din l-għodda ta' trasferiment trid tintuża għal trasferimenti ulterjuri ta' data personali ttrasferita lill-Brażil skont id-deċiżjoni ta' adegwatezza.

2.6 Mekkaniżmi proċedurali u tal-infurzar

- (44) Skont L-Adegwatezza Referenzjali³⁶, u skont il-ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE³⁷, sistema ta' protezzjoni tad-data essenzjalment ekwivalenti għall-mudell tal-Unjoni Ewropea trid tistabbilixxi: (i) awtorità indipendenti, li għandha tissorvelja u tinforza l-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data, bis-setgħa li tinvestiga u tiegħu azzjoni mingħajr influwenza esterna. Is-sistemi tal-protezzjoni tad-data jridu jiżguraw (ii) li l-kontrolluri u l-proċessuri tad-data jkunu responsabbli u konxji tar-responsabbiltajiet tagħhom, filwaqt li s-suġġetti tad-data jkunu infurmati bid-drittijiet tagħhom. Għandhom jiġu stabbiliti sanzjonijiet u proċessi ta' verifika effettivi biex tiġi żgurata l-aderenza mar-regoli; (iii) li l-kontrolluri u l-proċessuri tad-data juru konformità, permezz ta' miżuri bħall-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data, rekords tal-attivitajiet ta' proċessar, u l-ħatra ta' uffiċjali tal-protezzjoni tad-data. Barra minn hekk, (iv) is-sistema ta' protezzjoni tad-data trid tipprovdi appoġġ u għajnuna lis-suġġetti tad-data individwali fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom u mekkaniżmi ta' rimedju xierqa.
- (45) F'din it-taqsim, l-EDPB iffoka l-valutazzjoni tiegħu fuq l-eżistenza ta' awtorità indipendenti, ta' mekkaniżmu xieraq ta' rimedju u ta' sanzjonijiet effettivi.

2.6.1 Sorveljanza indipendenti

- (46) L-LGPD tistabbilixxi l-Agencia Nacional de Proteção de Datos (ANPD) bħala l-awtorità superviżorja nazzjonali responsabbli għall-monitoraġġ u għall-infurzar tad-dispożizzjonijiet tagħha.
- (47) L-EDPB jilqa' l-fatt li l-ANPD ingħatat l-istatus ta' "awtorità ta' natura speċjali", deżinjazzjoni maħsuba biex tiżgura l-awtonomija meħtieġa biex jiġu eżerċitati bis-sħiħ il-funzjonijiet u s-setgħat legali mogħtija lilha mil-LGPD, b'mod partikolari bir-revoka ta' dispożizzjonijiet li ssubordinaw il-funzjonament u l-operazzjonijiet finanzjarji tal-ANPD għall-awtorizzazzjonijiet li għandhom jingħataw mill-Eżekuttiv.

³⁴ Eż., ir-Regolament dwar it-Trasferiment tad-Data jinkludi rekwiżiti ġenerali għat-trasparenza meta l-BCR ikunu maħsuba biex jintużaw, b'mod partikolari, "għall-istabbiliment u għall-implimentazzjoni ta' programm ta' governanza tal-privatezza li jkollu l-ħsieb li jistabbilixxi relazzjoni ta' fiduċja mas-suġġett tad-data, permezz ta' azzjonijiet trasparenti li jiżguraw mekkaniżmi għall-parteċipazzjoni tas-suġġett tad-data" (l-Artikolu 25(V) tar-Regolament dwar it-Trasferiment tad-Data) u t-trasparenza fir-rigward tal-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-data u d-dritt ta' lmentar (l-Artikolu 26(VI) tar-Regolament dwar it-Trasferiment tad-Data).

³⁵ Responsabbiltà u Kooperazzjoni mal-awtorità superviżorja (l-Artikolu 47(2)(f) u (l) tal-GDPR).

³⁶ Ara l-Kapitolu 3(C) ta' L-Adegwatezza Referenzjali.

³⁷ Il-QĠUE, is-6 ta' Ottubru 2015, is-sentenza fil-Kawża C-362/14, Schrems.

- (48) Bl-istess mod, l-EDPB jilqa' l-bidliet li saru fil-15 ta' Settembru 2025 fil-qafas legali Brażiljan li skont dawn l-ANPD issa hija rikonoxxuta bħala **aġenzija regolatorja**³⁸. L-EDPB jifhem li, għalhekk, waħda mill-bidliet ewlenin hija li l-ANPD se tissottometti l-baġit tagħha direttament lill-Ministeru għall-Ippjanar u għall-Baġit minflok ma jkollha tippreżentah permezz tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Il-baġit tal-ANPD jibqa' linja separata fil-Baġit Federali tal-Istat. L-EDPB jifhem li l-ANPD diġà kellha indipendenza anke fuq il-baġit u fuq il-finanzi tagħha, iżda billi saret aġenzija regolatorja, il-proċess amministrattiv tagħha ġie ssimplifikat.
- (49) L-EDPB jilqa' wkoll il-kompetenza l-ġdida tal-ANPD, li dan l-aħħar inġatret bħala l-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tat-tfal online³⁹. L-EDPB jieħu nota li, skont il-Kapitolu IX tal-LGPD, l-ANPD hija mgħammra sew bis-setgħat u bil-missjonijiet neċessarji u disponibbli biex tiżgura l-konformità mad-drittijiet għall-protezzjoni ta' data u tippromwovi s-sensibilizzazzjoni, bħas-setgħat investigattivi u ta' sanzjonar (l-Artikolu 55-J tal-LGPD).
- (50) Fir-rigward tal-persunal u tal-baġit tal-ANPD, li għandhom rwol fl-indipendenza tagħha, l-EDPB jinnota b'mod pożittiv id-deċiżjoni reċenti li l-persunal jiżdied b'aktar minn 200 kariga ġdida⁴⁰.
- (51) Skont l-Artikolu 55-C tal-LGPD, l-EDPB josserva li l-ANPD (tal-lum il-ġurnata) hija magħmula minn għadd ta' korpi⁴¹, li jinkludu l-Kunsill Nazzjonali għad-Data Personali u għall-Protezzjoni tal-Privatezza (il-"Kunsill"). L-EDPB jieħu nota tal-kompożizzjoni tiegħu, li tinkludi wkoll rappreżentanti tal-Fergħa Eżekuttiva Federali, tal-Fergħa Leġiżlattiva, u tal-Ġudikatura⁴². L-EDPB jinnota wkoll li, skont l-Artikolu 58-B tal-LGPD, il-Kunsill huwa responsabbli, fost l-oħrajn, biex (i) "jipproponi linji gwida strateġiċi u jipprovdi informazzjoni ta' sfond għat-tħejjija tal-Politika Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data Personali u tal-Privatezza u għall-attivitajiet tal-ANPD"; u (ii) "biex jirrakkomanda azzjonijiet li għandhom jitwettqu mill-ANPD".
- (52) B'mod partikolari fir-rigward ta' dawn il-kompiti, l-EDPB iqis li huwa importanti li jinkiseb fehim aktar ċar ta' kif dawn huma implimentati u sa liema punt il-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill jinfluwenzaw il-ħidma tal-ANPD. Għalhekk, huwa jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkompli telabora fuq dawn il-kompiti u fuq l-interazzjoni bejn il-Kunsill u l-ANPD, biex tivvaluta aħjar l-influenza tal-Kunsill fuq l-attivitajiet tal-ANPD.

2.6.2 Rimedju

- (53) L-EDPB jilqa' l-mekkaniżmu ta' rimedju previst mil-LGPD, li jipprovdi wkoll lis-suġġetti tad-data d-dritt li jippreżentaw ilment quddiem l-ANPD, u li jikkontestaw id-deċiżjoni tagħha billi jippreżentaw appell lill-Bord tad-Direttur tagħha. Imbagħad, l-individwi jistgħu jappellaw id-deċiżjonijiet tal-Bord quddiem il-qorti, kif ukoll jippreżentaw kwalunkwe rikors kontra l-ANPD talli tonqos milli tikkonforma mal-obbligi tagħha skont l-LGPD. Dan minħabba li l-abbozz ta' deċiżjoni ma jurix biċ-ċar x'inhi d-differenza bejn l-istrument ta' appell u l-istrument ta' rikors. L-EDPB jistieden lill-Kummissjoni tiċċara aktar il-funzjonament ta' dawn iż-żewġ perkorsi,

³⁸ Il-Miżura Proviżorja Nru 1.317/2025 disponibbli fuq <https://www.in.gov.br/en/web/dou/-/medida-provisoria-n-1.317-de-17-de-setembro-de-2025-656784314>.

³⁹ Il-Liġi Nru 15.211/2025, dwar il-protezzjoni tat-tfal u tal-minorenni fl-ambjent diġitali, disponibbli fuq <https://www.in.gov.br/web/dou/-/lei-n-15.211-de-17-de-setembro-de-2025-656579619>.

⁴⁰ <https://www.in.gov.br/en/web/dou/-/medida-provisoria-n-1.317-de-17-de-setembro-de-2025-656784314>.

⁴¹ Skont l-Artikolu 55-C tal-LGPD, l-ANPD hija magħmula minn dawn: il-Bord tad-Diretturi, l-ogħla korpi ta' tmexxija; il-Kunsill Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data Personali u tal-Privatezza; l-Uffiċċju tal-Bord Diġitali; IV – l-Uffiċċju tal-Ombudsman; VI – l-Uffiċċju tal-Affarijiet legali, u VI - l-unitajiet amministrattivi u l-unitajiet speċjalizzati meħtieġa għall-infurzar tad-dispożizzjonijiet tal-LGPD. Ara wkoll il-Premessi minn 126 sa 130 tal-Abbozz ta' deċiżjoni.

⁴² Ara wkoll il-Premessa 132 tal-Abbozz ta' deċiżjoni u l-Artikolu 55-C tal-LGPD.

inkluż jekk l-użu ta' rikors huwiex limitat biss għar-rifjut li jiġi indirizzat ilment jew għaċ-ċaħda fuq il-bażi tas-sustanza ta' lment.

- (54) Bl-istess mod, l-EDPB jilqa' l-għoti tad-dritt għal kumpens għal danni materjali u mhux materjali, kif ukoll tar-rimedju kollettiv (l-Artikolu 22 tal-LGPD).

2.6.3 Sanzjonijiet

- (55) L-EDPB ifakkar li l-eżistenza ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi jista' jkollha rwol importanti biex jiġi żgurat ir-rispett għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, peress li huwa sinjal tal-grad għoli ta' akkontabilità u ta' sensibilizzazzjoni li s-sistema tiżgura. L-EDPB jilqa' s-setgħat korrettivi li l-ANPD hija pprovduta bihom, li ġew eżerċitati f'diversi okkażjonijiet⁴³ u dawn jinkludu firxa ta' miżuri bħal twissija, multi sa tnejn fil-mija (2 %) mid-dħul gross tal-entità legali privata involuta, multi ta' kuljum, l-imblukkar tad-data personali b'rabta mal-ksur sakemm tiġi rregolarizzata, is-sospensjoni temporanja tal-attivitajiet rilevanti ta' proċessar tad-data, u t-tħassir tad-data personali kkonċernata (l-Artikolu 52 tal-LGPD)⁴⁴. L-EDPB jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-applikazzjoni konsistenti tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tas-sanzjonijiet.
- (56) L-EDPB jinnota b'mod pożittiv li l-ANPD ħarġet Regolament (vinkolanti) dwar is-Sanzjonijiet. Dan ir-Regolament jikkategorizza s-sanzjonijiet f'livelli differenti permezz ta' fatturi oġġettivi bħat-tip u l-volum ta' data pproċessata jew l-impatt tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data, u jipprevedi metodoloġija fil-kalkolu tal-multi, li hija konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 83 tal-GDPR.

3. AĊĊESS U UŻU TA' DATA PERSONALI TRASFERITA MILL-UNJONI EWROPEA MILL-AWTORITAJIET PUBBLIĊI FIL-BRAZIL

- (57) Skont l-Artikolu 45(2) tal-GDPR, il-valutazzjoni tal-limitazzjonijiet u tas-salvagwardji previsti fil-liġi Brażiljana fir-rigward tal-aċċess u tal-użu sussegwenti mill-awtoritajiet pubbliċi Brażiljani ta' data personali ttrasferita lill-kontrolluri u lill-proċessuri fil-Brażil għall-infurzar tad-dritt kriminali u għall-finijiet ta' sigurtà nazzjonali ("aċċess tal-gvern") hija element importanti tat-test tal-"ekwivalenza essenzjali", kif interpretat mill-QĠUE.
- (58) L-EDPB jinnota b'mod pożittiv l-attenzjoni speċifika u l-informazzjoni fattwali pprovduta mill-Kummissjoni dwar dan l-aspett fl-abbozz ta' Deċiżjoni⁴⁵. Għalhekk, l-EDPB iżomm lura milli jirriproduċi l-biċċa l-kbira tas-sejbiet fattwali u tal-analiżijiet f'din l-opinjoni. Minflok, huwa jivvaluta l-interferenza mis-sistema Brażiljana għall-aċċess tal-gvern għall-finijiet tal-infurzar

⁴³ Ara l-ANPD, Reġistru tas-sanzjonijiet: https://www.gov.br/anpd/pt-br/centrais-de-conteudo/deciso-es-em-processos-sancionadores-1/deciso-es-em-processos-sancionadores?_authenticator=7951f0a70d3d125fd05e11a1e544b72d2c61f304.

⁴⁴ "Dawn is-sanzjonijiet jistgħu jiġu imposti fuq entitajiet pubbliċi jew privati, bl-eċċezzjoni ta' multi u ta' multi ta' kuljum li ma jistgħux jiġu imposti fuq entitajiet pubbliċi" (il-Premessa 135 tal-Abbozz ta' deċiżjoni).

⁴⁵ Ara l-Premessi minn 152 sa 217 tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

tal-liġi u tas-sigurtà nazzjonali abbażi tal-erba' elementi identifikati mill-EDPB fil-Garanziji Essenzjali Ewropej għall-miżuri ta' sorveljanza, adottati fl-10 ta' Novembru 2020⁴⁶:

- Garanzija A - Regoli legali ċari, preċiżi u aċċessibbli;
- Garanzija B - In-neċessità u l-proporzjonalità fir-rigward tal-għanijiet leġittimi segwiti;
- Garanzija C - Mekkaniżmu ta' sorveljanza indipendenti;
- Garanzija D - Rimedji effettivi u mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli għall-individwu.

3.1 Aċċess u użu mill-awtoritajiet pubbliċi Brażiljani għall-finijiet ta' infurzar tad-dritt kriminali

3.1.1 Qafas legali fl-oqsma tal-infurzar tad-dritt kriminali

- (59) L-EDPB jinnota li l-aċċess u l-użu sussegwenti tad-data personali mill-awtoritajiet⁴⁷ tal-infurzar tal-liġi Brażiljani huma rregolati b'sistema ta' atti legali ta' natura legali differenti. Il-protezzjoni tad-data u l-privatezza, inkluża s-segretezza tal-korrispondenza u tal-komunikazzjonijiet, huma stabbiliti b'ħala drittijiet fundamentali fl-Artikolu 5 tal-Kostituzzjoni. L-EDPB jilqa' b'mod partikolari li l-ambitu tal-protezzjoni ta' tali drittijiet, b'mod simili għall-UE, ma huwiex limitat għaċ-ċittadini Brażiljani biss iżda jinkludi wkoll barranin li jirrisjedu fil-Brażil u anke dawk li ma jirresjedux hemm⁴⁸.
- (60) Imbagħad, hemm diversi liġijiet settorjali speċjalizzati li jirregolaw l-aċċess possibbli għad-data personali għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi. Fir-rigward ta' tali aċċess għad-data ttrasferita lill-Brażil mill-UE, ta' rilevanza partikolari hemm il-Kodiċi Penali, il-Liġi dwar l-Interċettazzjoni Telefonika, il-Qafas Ċivili għall-Internet, il-Liġi dwar il-Kunfidenzjalità tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji, il-Liġi Relatata mal-Organizzazzjonijiet Kriminali u mal-Investigazzjonijiet Kriminali, u oħrajn. L-EDPB jinnota li dawn l-atti legali huma aċċessibbli għall-pubbliku u jistgħu jitqiesu ċari biżżejjed biex jagħtu indikazzjoni lis-suġġetti tad-data dwar iċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet li fihom l-awtoritajiet pubbliċi jingħataw is-setgħa li jaċċessaw id-data tagħhom⁴⁹.
- (61) Sors importanti ieħor tal-liġi fil-Brażil huwa l-ġurisprudenza tal-Qorti Suprema Federali tal-Brażil, li tidher li tapplika interpretazzjoni wiesgħa tal-ambitu tad-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data⁵⁰, u hekk ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem responsabbli għall-interpretazzjoni u għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, irratifikata mill-Brażil fl-1992⁵¹.
- (62) L-EDPB josserva li l-kamp ta' applikabbiltà tal-LGPD f'każ ta' proċessar ta' data personali għall-finijiet ta' infurzar tad-dritt kriminali huwa parzjali li jista' jwassal għal inċertezza legali.
- (63) Kif rikonoxxut mill-Kummissjoni fl-abbozz ta' Deċiżjoni, l-LGPD ma tapplikax għall-proċessar ta' data li jitwettagħ għall-finijiet *esklużivi* tas-sikurezza pubblika, tad-difiża nazzjonali, tas-sigurtà tal-Istat, jew tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali⁵². Skont l-Artikolu 4(I) u (III) tal-LGPD, il-proċessar ta' data f'dawn l-oqsma se jkun irregolat b'leġislazzjoni speċifika, li trid tinkludi l-prinċipji, u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data deskritti fl-LGPD. Sa fejn

⁴⁶ [Ir-Rakkomandazzjonijiet 02/2020 dwar il-Garanziji Essenzjali Ewropej għal miżuri ta' sorveljanza.](#)

⁴⁷ Ara l-lista tal-awtoritajiet fil-Premessa 165 tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

⁴⁸ Ara l-Premessi 8 u 9 tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

⁴⁹ Ara s-sentenza tal-QEDB f'Zakharov, il-punt 229.

⁵⁰ Ara d-Deċiżjoni tal-Qorti Suprema Federali dwar ADI (Ação Direta de Inconstitucionalidade) 6649, Settembru 2022.

⁵¹ Ara l-Premessa 10 tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

⁵² Ara l-Premessi 30 u 31 tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

jaf l-EDPB, u kif ikkonfermat mill-Kummissjoni, il-Brażil għadu ma adottax leġislazzjoni speċifika dwar il-proċessar ta' data personali fil-qasam tal-ġustizzja kriminali u tal-infurzar tal-liġi (eż. simili għad-Direttiva tal-UE dwar l-Infurzar tal-Liġi⁵³).

- (64) L-EDPB jinnota b'mod pożittiv li, fil-ġurisprudenza tagħha⁵⁴, il-Qorti Suprema Federali tal-Brażil interpretat l-LGPD b'mod li espanda l-applikabbiltà parzjali tagħha għall-proċessar ta' data personali għal investigazzjonijiet kriminali u għaż-żamma tal-ordni pubbliku.
- (65) L-EDPB jilqa' l-fatt li l-awtorità superviżorja tal-Brażil, l-ANPD, tappoġġa bis-sħiħ din l-interpretazzjoni u tiddikjara li *“n-nuqqas ta' leġislazzjoni speċifika ma jagħtix awtorizzazzjoni wiesgħa u mhux ristretta lill-aġenziji tas-sigurtà biex jipproċessaw id-data personali taċ-ċittadini għall-finijiet esklużivi ta' sigurtà pubblika u għall-finijiet tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali mingħajr ebda limitu”*⁵⁵. Fl-istess ħin, l-EDPB jinnota li, skont l-Artikolu 4(III), il-paragrafu 3, tal-LGPD, għal xi proċessar speċifiku ta' data mwettaq esklużivament għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, l-ANPD jidher li bħalissa għandha rwol prinċipalment konsultattiv fir-rigward tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.
- (66) L-EDPB jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u tiċċara aktar fl-abbozz ta' Deċiżjoni l-applikabbiltà tal-LGPD f'każ ta' proċessar ta' data personali għall-finijiet ta' infurzar tad-dritt kriminali, inklużi s-setgħat tal-ANPD, kif ukoll li tqis bir-reqqa kwalunkwe żvilupp rilevanti f'dan ir-rigward fil-monitoraġġ futur tagħha (ara wkoll it-taqsima dwar is-sorveljanza u r-rimedju).

3.1.2 Neċessità u proporzjonalità

- (67) L-EDPB jinnota b'mod pożittiv li, bħala regola ġenerali, l-aċċess għad-data ta' komunikazzjoni, kemm il-kontenut kif ukoll il-metadata, kif ukoll għal kategoriji oħra ta' informazzjoni kunfidenzjali protetta bħad-data bankarja u tat-taxxa, jeħtieġ awtorizzazzjoni ġudizzjarja minn qabel.
- (68) Fir-rigward tal-aċċess għad-data ta' komunikazzjoni, l-EDPB jilqa' l-fatt li, skont il-Liġi dwar l-Interċettazzjoni Telefonika u l-ġurisprudenza tal-Qorti Suprema Federali, miżura bħal din titqies bħala eċċezzjonali u hija soġġetta għal kundizzjonijiet stretti mmirati biex jiżguraw in-neċessità u l-proporzjonalità tagħha⁵⁶. Barra minn hekk, bħala miżura preventiva kontra l-abbuż possibbli, il-liġi Brażiljana tipprevedi li l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet mingħajr awtorizzazzjoni ġudizzjarja jew għal skop mhux awtorizzat mil-liġi tikkostitwixxi reat punibbli b'mhux aktar minn 4 snin priġunerija⁵⁷.
- (69) L-implimentazzjoni stretta tas-salvagwardji għall-aċċess għad-data ta' komunikazzjoni hija partikolarment rilevanti minħabba li fil-Brażil jeżisti obbligu ġenerali ta' żamma ta' data għall-konnessjoni mal-internet u għall-fornituri ta' servizzi ta' applikazzjoni online biex iżommu logs tal-konnessjoni għal sena⁵⁸. Filwaqt li l-EDPB jinnota b'mod pożittiv li l-aċċess għad-data miżmuma huwa possibbli biss soġġett għal awtorizzazzjoni ġudizzjarja⁵⁹, huwa jfakkar fl-approċċ strett u r-restrizzjonijiet fuq iż-żamma ġenerali u indiskriminata tal-metadata ta'

⁵³ Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

⁵⁴ Ara d-Deċiżjoni tal-Qorti Suprema Federali dwar ADI 6649, Settembru 2022.

⁵⁵ Ara n-Nota Teknika tal-ANPD Nru 29/2024/FIS/CGF/ANPD, indirizzata lill-Ministeru għall-Ġustizzja u għas-Sigurtà Pubblika, il-punt 5.4.1.29, disponibbli fuq: [SEI/ANPD - 0132350 - Nota Técnica](#).

⁵⁶ Ara l-Premessi 169 u 170 tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

⁵⁷ *Ibid.*

⁵⁸ Ara l-Premessa 173 tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

⁵⁹ *Ibid.*

komunikazzjoni fl-UE⁶⁰ u jieħu nota pożittiva tal-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-Kummissjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' żamma ta' data tal-massa fil-pajjiż. Għalhekk, l-EDPB iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċifika lir-reġim u lill-prattika legali fil-Brażil dwar l-aċċess għad-data ta' komunikazzjoni matul il-monitoraġġ u r-rieżami tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

- (70) L-EDPB jinnota b'mod pożittiv li salvagwardji simili japplikaw ukoll fir-rigward tal-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għad-data tat-taxxa u dik bankarja, jiġifieri r-rekwiżit għal awtorizzazzjoni ġudizzjarja minn qabel, permessa biss għal reati serji, l-eżistenza ta' sanzjonijiet kriminali f'każ ta' abbuż, eċċ.
- (71) Skont l-abbozz ta' Deċiżjoni, hemm eċċezzjoni mir-rekwiżit ġenerali għal awtorizzazzjoni ġudizzjarja minn qabel għall-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal ċerti kategoriji ta' data personali⁶¹. Skont l-Artikoli 15 u 16 tal-Liġi Relatata mal-Organizzazzjonijiet Kriminali u mal-Investigazzjonijiet Kriminali, kap tal-pulizija u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jistgħu jaċċessaw mingħajr awtorizzazzjoni ġudizzjarja d-data ta' reġistrazzjoni ta' persuna investigata dwar dawn li ġejjin li jappartjenu għaliha: *"il-kwalifiki personali, l-affiljazzjoni u l-indirizz miżmuma mill-Qorti Elettorali, mill-kumpaniji tat-telefonija, mill-istituzzjonijiet finanzjarji, mill-fornituri tal-internet u mill-amministraturi tal-karti tal-kreditu"*⁶². Bl-istess mod, il-kumpaniji tat-trasport jippermettu, għal perjodu ta' 5 snin, aċċess dirett u permanenti minn imħallef, mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jew minn kap tal-pulizija għall-bażijiet tad-data tal-prenotazzjonijiet u tar-rekords tal-ivvjaġġar⁶³.
- (72) L-EDPB jinnota li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi Relatata mal-Organizzazzjonijiet Kriminali u mal-Investigazzjonijiet Kriminali huwa limitat għall-investigazzjoni u għas-sanzjonar ta' gruppi kriminali organizzati u ta' organizzazzjonijiet terroristiċi, li joħolqu riskju sinifikanti għaċ-ċittadini u għas-soċjetà u għalhekk huma kapaċi jiġġustifikaw interferenza aktar serja mad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data⁶⁴. Fl-istess ħin, l-EDPB iqis li l-informazzjoni dwar dawn l-eċċezzjonijiet ipprovduta fil-Premessa 164 tal-abbozz ta' Deċiżjoni hija ġenerali ħafna u ma hijiex kompluta. B'mod partikolari, mill-informazzjoni fl-abbozz ta' Deċiżjoni ma huwiex ċar jekk f'tali każ l-aċċess għad-data personali ikunx soġġett għal sħarriġ ġudizzjarju *ex post* tan-neċessità u tal-proporzjonalità.
- (73) Fid-dawl ta' dan, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni tiċċara u tispjega ulterjorment fl-abbozz ta' Deċiżjoni l-ambitu u n-natura tal-każijiet li fihom l-aċċess għad-data mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ma jkunx jeħtieġ awtorizzazzjoni ġudizzjarja kif ukoll is-salvagwardji applikabbli fil-leġiżlazzjoni Brażiljana. L-EDPB iqis ukoll li l-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċifika għall-applikazzjoni ta' dawn l-eċċezzjonijiet skont il-liġi Brażiljana matul il-monitoraġġ tagħha tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

3.1.3 Użu ulterjuri tad-data u trasferimenti ulterjuri

- (74) L-EDPB ifakkar li l-livell ta' protezzjoni mogħti lid-data personali ttrasferita mill-UE/miż-ŻEE lill-Brażil ma jridx jiġi mminat mill-użu jew mill-kondiviżjoni ulterjuri tad-data ma' riċevituri fil-Brażil

⁶⁰ Għal aktar informazzjoni dwar iż-żamma tad-data, ara d-dikjarazzjoni tal-EDPB intitolata "Statement 5/2024 on the Recommendations of the HighLevel Group on Access to Data for Effective Law Enforcement", disponibbli fuq https://www.edpb.europa.eu/system/files/2024-11/edpb_statement_20241104_ontherecommendationsofthehigh_level_group_en.pdf.

⁶¹ Ara l-Premessa 164 tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

⁶² Ara l-Artikolu 15 tal-Liġi relatata mal-organizzazzjonijiet kriminali u mal-investigazzjonijiet kriminali.

⁶³ Ara l-Artikolu 16 tal-Liġi relatata mal-organizzazzjonijiet kriminali u mal-investigazzjonijiet kriminali.

⁶⁴ Ara s-sentenza tal-QĠUE tas-6 ta' Ottubru 2020, il-Kawżi Magħquda La Quadrature du Net et, C-511/18 u C-512/18, EU:C:2020:791, il-punti 95-98, is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2018, Ministerio Fiscal, C-207/16, EU:C:2018:788, il-punti 54, 57 u 60, (is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għad-data relatata mal-komunikazzjonijiet elettroniċi) C-746/18, EU:C:2021:152, il-punt 35.

jew f'pajjiż terz, jiġifieri t-trasferimenti ulterjuri għandhom ikunu permessi biss meta jiġi żgurat livell kontinwu ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti għal dak ipprovdut skont id-dritt tal-UE.

- (75) F'dan ir-rigward, l-EDPB jinnota b'mod pożittiv li l-Qorti Suprema Federali tal-Brażil iddeċidiet li l-kondiviżjoni ta' data personali bejn il-korpi pubbliċi (inkluż meta kondiviża bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u tal-intelligence) tippresupponi: (1) id-definizzjoni ta' skop leġittimu, speċifiku u espliċitu għall-proċessar tad-data; (2) il-kompatibbiltà tal-proċessar mal-iskopijiet informati; (3) il-limitazzjoni tal-kondiviżjoni għall-minimu neċessarju biex jintlaħaq l-iskop informat; kif ukoll konformità sħiħa mar-rekwiżiti, mas-salvagwardji u mal-proċeduri stabbiliti fl-LGPD, sa fejn dan ikun kompatibbli mas-settur pubbliku⁶⁵.
- (76) Minkejja din id-deċiżjoni importanti mill-ogħla qorti fil-Brażil, minħabba l-komplessità diġà msemija, il-kamp ta' applikazzjoni u l-modalitajiet eżatti tal-applikazzjoni tal-LGPD għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi u l-prattika f'dan il-qasam.
- (77) Fir-rigward tat-trasferiment ulterjuri ta' data personali lill-awtoritajiet tal-infurzar tad-dritt kriminali f'pajjiżi terzi, l-abbozz ta' Deċiżjoni jirreferi għall-Artikolu 33(III) tal-LGPD, li jistabbilixxi li t-trasferimenti internazzjonali ta' data jistgħu jsiru meta "jkunu neċessarji għall-kooperazzjoni legali internazzjonali bejn il-korpi pubbliċi ta' intelligence, ta' investigazzjoni, u ta' prosekuzzjoni, f'konformità mal-istrumenti legali internazzjonali."⁶⁶ L-EDPB iqis din l-ispejgazzjoni bħala ġenerali wisq u jistieden lill-Kummissjoni telabora aktar fl-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet u s-salvagwardji li jirregolaw it-trasferimenti ulterjuri.

3.1.4 Sorveljanza u Rimedju

- (78) L-EDPB speċifika diversi drabi li kwalunkwe interferenza mad-dritt għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data għandha tkun soġġetta għal sistema ta' sorveljanza effettiva, indipendenti u imparzjali li trid tiġi pprovduta jew minn imħallef jew minn korp indipendenti ieħor (eż. awtorità amministrattiva jew korp parlamentari)⁶⁷.
- (79) Huwa jinnota wkoll li fil-qafas Brażiljan, kif deskritt mill-Kummissjoni, l-attivitajiet tal-awtoritajiet tal-infurzar tad-dritt kriminali huma ssorveljati minn korpi differenti: (i) il-ġudikatura; (ii) l-ANPD, u (iii) l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku.
- (80) Il-kontroll ġudizzjarju, kif spjegat aktar 'il fuq fit-taqsimha dwar in-Neċessità u l-Proporzjonalità⁶⁸, japplika fir-rigward tal-ġbir tad-data personali u tal-aċċess għaliha, b'mod partikolari fil-forma ta' rieżami u ta' awtorizzazzjoni *ex ante*.
- (81) Fir-rigward tar-rwol tal-ANPD, kif diġà spjegat fit-taqsimha 3.1.1. ta' din l-Opinjoni, l-abbozz ta' deċiżjoni ta' adegwatezza jfakkar li skont l-Artikolu 4(III) tal-LGPD, din il-liġi ma tapplikax għall-proċessar ta' data personali mwettaq *esklużivament* għall-finijiet ta' dawn li ġejjin: (i) is-sigurtà pubblika; (ii) id-difiża nazzjonali; (iii) is-sigurtà tal-Istat u (iv) l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(I) jiddikjara li proċessar bħal dan se jkun regolat minn leġiżlazzjoni speċifika, li, fost affarijiet oħra, trid tinkludi l-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni

⁶⁵ Ara l-Premessa 187 tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

⁶⁶ *Ibid.*

⁶⁷ Ir-Rakkomandazzjonijiet 02/2020 dwar il-Garanziji Essenzjali Ewropej għal miżuri ta' sorveljanza, Adottati fl-10 ta' Novembru 2020, ara l-paġna 12
https://www.edpb.europa.eu/sites/default/files/files/file1/edpb_recommendations_202002_europeanessentialguaranteessurveillance_mt.pdf

⁶⁸ Ara t-Taqsimha 3.1.2 aktar 'il fuq

u tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data kif deskritti fl-LGPD. Il-paragrafu 3 tal-istess Artikolu jirrikonoxxi rwol konsultattiv għall-ANPD fir-rigward tal-eċċezzjonijiet previsti fil-paragrafu III meta jitwettqu esklużivament għal dawn l-iskopijiet, b'mod partikolari s-setgħat tal-ANPD li toħroġ opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet tekniċi, kif ukoll li titlob DPIAs mingħand il-kontrolluri rilevanti.

- (82) Fl-abbozz ta' Deċiżjoni tagħha⁶⁹, il-Kummissjoni tirreferi għal deċiżjoni importanti datata l-15 ta' Settembru 2022 tal-Qorti Suprema Federali, li tindika l-applikabbiltà tal-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tad-data u tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data għall-proċessar ta' data personali mill-Istat għall-forniment ta' servizzi pubbliċi. Din id-deċiżjoni tiffoka fuq il-"kondivżjoni tad-data personali" bejn il-korpi u l-entitajiet tal-Amministrazzjoni Pubblika u fl-attivitajiet ta' intelligence, u fuq l-"aċċess tal-aġenziji u tal-entitajiet tal-gvern" għar-Reġistru Bażi taċ-Ċittadini. Fir-rigward tar-rwol ta' infurzar tal-ANPD, minn informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-Kummissjoni l-EDPB jifhem li l-ANPD diġà kienet eżerċita rwol bħal dan fuq il-pulizija kif ukoll fuq il-Ministeru għall-Ġustizzja u għas-Sigurtà Pubblika. Dan sar abbażi tal-ġurisprudenza li, billi estendiet l-applikabbiltà parzjali tal-prinċipji ġenerali u tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data għall-proċessar imwettaq għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, tagħmel lill-ANPD responsabbli għas-sorveljanza u għall-infurzar tal-liġi f'dan il-qasam ukoll.
- (83) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni tkompli telabora dwar ir-rwol ta' infurzar tal-ANPD, b'mod partikolari fir-rigward tal-bażijiet legali rilevanti u tas-setgħat investigattivi u korrettivi tagħha fir-rigward tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi f'dan il-qasam.
- (84) Fl-aħħar nett, l-EDPB josserva li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku għandu kompetenza usa' mis-sorveljanza tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza u mill-impożizzjoni ta' sanzjonijiet għall-ksur tad-drittijiet fundamentali. Pereżempju, kif diġà ġie spjegat fit-Taqsima 3.1. ta' din l-Opinjoni, skont il-Liġi Relatata mal-Organizzazzjonijiet Kriminali u mal-Investigazzjonijiet Kriminali, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku huwa waħda mill-awtoritajiet li jistgħu jaċċessaw mingħajr awtorizzazzjoni ġudizzjarja data ta' reġistrazzjoni ta' persuna investigata. Għalhekk, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni biex fl-abbozz ta' Deċiżjoni tkompli telabora dwar ir-rwol u s-setgħat tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u tispjegahom fir-rigward tas-sorveljanza tal-proċessar ta' data personali mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi Brażiljani.
- (85) Fir-rigward tar-rimedju, l-EDPB jinnota b'mod pożittiv li l-mekkaniżmi legali deskritti fl-ewwel parti ta' din l-Opinjoni u b'mod partikolari r-rimedji ġudizzjarji disponibbli għall-individwi biex jinfurkaw id-drittijiet tagħhom għall-protezzjoni tad-data u għall-privatezza, japplikaw anke fir-rigward tal-attivitajiet tal-korpi tal-infurzar tad-dritt kriminali.

3.2 Aċċess u użu mill-awtoritajiet pubbliċi Brażiljani għall-finijiet ta' sigurtà nazzjonali

3.2.1 Kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni tal-Artikolu 4(III) tal-LGPD u l-applikabbiltà tagħha għal reati kriminali kontra s-sigurtà tal-Istat

⁶⁹ Ara l-Premessa 187 tal-abbozz ta' Deċiżjoni

- (86) Kif ġie introdott mill-Kummissjoni, l-Artikolu 4 (III) tal-LGDP jeżenta s-“sigurtà tal-Istat” mill-applikazzjoni tal-LGPD meta tiġi pproċessata data personali, flimkien mas-sigurtà pubblika, mad-difiża nazzjonali u mal-attivitàjiet ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali.
- (87) L-EDPB jinnota li l-leġiżlazzjoni Brażiljana dwar “*Seguranca Nacional*” (is-Sigurtà Nazzjonali), kif stabbilita fil-Liġi Nru 14.197 tal-1 ta' Settembru 2021 li timmodifika l-Kodiċi Penali u tirrevoka l-Liġi tal-1983 dwar is-Sigurtà Nazzjonali⁷⁰, tesprimi l-kunċett Brażiljan tas-sigurtà nazzjonali abbażi ta' lista eżawrjenti ta' reati kriminali⁷¹, li jindirizzaw theddid differenti għall-integrità tal-Istat Brażiljan bħala istituzzjoni (sovranià nazzjonali, spjunaġġ (Artikolu 350-K), reati kontra l-istituzzjonijiet demokratiċi (l-Artikolu 359-L) *et al.*). In-normi tal-Liġi Nru 14.197 ġew stabbiliti bħala parti integrali mill-Kodiċi Penali Brażiljan.
- (88) Madankollu, l-EDPB jistenna li l-proċessar ta' data tal-awtoritajiet Brażiljani għall-prosekuzzjoni tar-reati stabbiliti fil-Liġi Nru 14.197 jiġi rregolat mir-reġim applikabbli għall-aċċess u għall-użu tal-awtoritajiet Brażiljani għall-finijiet tal-infurzar tad-dritt kriminali kif deskritt fil-Kapitolu 3.2 tal-abbozz ta' Deċiżjoni, u b'hekk jiġu ffaċċjati l-istess kunsiderazzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data kif iddikjarat fil-Kapitolu 3.1. ta' din l-Opinjoni. Għalhekk, l-EDPB jitlob lill-Kummissjoni tiċċara fl-abbozz ta' Deċiżjoni jekk il-proċessar ta' data relatat mal-prosekuzzjoni tar-reati kriminali elenkati fil-Liġi Nru 14.197 huwiex tabilħaqq irregolat mir-reġim tal-protezzjoni tad-data applikabbli għall-attivitàjiet tal-infurzar tal-liġi, jew minn reġim ieħor. Jekk ikun il-każ tal-aħħar, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni tispjega aktar ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli għall-prosekuzzjoni kriminali ta' dawn ir-reati għall-finijiet ta' sigurtà nazzjonali.

3.2.2 Qafas Legali għas-sigurtà nazzjonali

- (89) Il-qafas legali ikkodifikat li fuqu l-abbozz ta' Deċiżjoni jibbaża s-sejbiet tiegħu fil-kapitolu tiegħu dwar l-aċċess tal-gvern għal “finijiet ta' sigurtà nazzjonali” jikkonsisti fil-Liġi Nru 14.197 mill-2021, fil-Liġi Nru 9.883 tas-7 ta' Diċembru 1999 li tistabbilixxi s-Sistema tal-Intelligence Brażiljana u fid-Digriet relatat Nru 4.376 tal-2002. L-aħħar żewġ biċċiet ta' leġiżlazzjoni msemmiha stabbilew is-sistema tal-Intelligence Brażiljana (Sistema Brasileiro des Inteligência (SISBIN)) u l-funzjonament tagħha. Dawn huma segwiti mid-Digriet Presidenzjali vinkolanti Nru 8.793⁷² tal-2016 li jiddefinixxi l-politika nazzjonali tal-intelligence (l-hekk imsejja *Política Nacional de Inteligência* (PNI)), kif ukoll l-LGPD fl-2018.
- (90) Id-Digriet Presidenzjali Nru 8.793 tal-2016 jiddeskrivi s-suġġett, l-għanijiet u l-limiti tal-PNI. L-attivitàjiet skont dan id-digriet għandhom l-għan li jipproduċu u jxerrdu l-għarfien lill-awtoritajiet kompetenti b'rabta ma' fatti u ma' sitwazzjonijiet li jsejtnu fit-territorju nazzjonali jew barra minnu, b'influenza immedjata jew potenzjali fuq il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, l-azzjoni governattiva u s-sikurezza tas-soċjetà u l-intelligence tal-Istat. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-intelligence tirreferi għall-informazzjoni kollha – u d-data - meħtieġa u pproċessata sabiex tappoġġa l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-fergħa eżekuttiva f'dan il-qasam.
- (91) Skont il-bażi legali tal-SISBIN kif ippreżentata mill-Kummissjoni, il-SISBIN u l-entitajiet tagħha ġew stabbiliti bħala l-mekkaniżmu ewlieni għall-implimentazzjoni tal-PNI u bħala tali huma inkarigati mit-tweġġ ta' attivitàjiet li jappartjenu għall-qasam tas-sigurtà nazzjonali kif ukoll għas-sikurezza u għas-sigurtà pubbliċi u għall-protezzjonijiet tal-istituzzjonijiet demokratiċi.

⁷⁰ Il-Liġi Nru 14.197 tal-1 ta' Settembru 2021, disponibbli fuq https://www.planalto.gov.br/ccivil_03/_ato2019-2022/2021/lei/l14197.htm (02.10.2026).

⁷¹ Ara l-Premessa 200 tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

⁷² Ara l-Premessa 199 tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

Għal dan il-għan, l-SISBIN tipprevdi l-iskambju tal-għarfien u l-ippjanar integrat tal-attivitajiet⁷³. B'konsegwenza ta' dan, il-kunċett ta' sigurtà nazzjonali fil-Brażil fid-dawl tal-attivitajiet tal-SISBIN jidher li ma huwiex limitat biss għar-reati kriminali kodifikati fil-Liġi Nru 14.197, iżda jista' jittqies bħala parti integrata minn kunċett usa' ta' intelligence nazzjonali.

- (92) L-SISBIN għie stabbilit inizjalment minn tmintax-il entità federali, fosthom tlettax-il ministeru, u sussegwentement għie estiż għall-hekk imsejħa 48 aġenzija skont id-Digriet Nru 11.693 tas-6 ta' Settembru 2023 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-SISBIN⁷⁴. L-EDPB jinnota li l-kooperazzjoni fi ħdan l-SISBIN tintegra entitajiet lil hinn mill-istituzzjonijiet klassiċi tas-sigurtà, bħall-Ministeru tax-xjenza (l-Art. 4(IV), l-agrikoltura (l-Art. 4(XV)) u l-enerġija (l-Art. 4(XVIII)) u l-Avukat Ġenerali Federali (l-Art. 4(XIX)).
- (93) Filwaqt li d-Digriet Nru 4.376 tal-2002 kien jeħtieġ li l-Kunsill Konsultattiv tas-Sistema tal-Intelligence Brażiljana jipproponi standards u proċeduri ġenerali għall-iskambju ta' "għarfien u komunikazzjoni" fi ħdan l-SISBIN⁷⁵, id-Digriet Nru 11.693 tal-2023 jinkariga lill-organu ċentrali tal-SISBIN biex jipproduċi għodod tekniċi⁷⁶ għall-kondiviżjoni tad-data u tal-għarfien tal-informazzjoni u jiddeskrivi l-kondiviżjoni u l-użu tad-data miksuba mill-entitajiet tal-SISBIN. Madankollu, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni ma jipprovdi l-ebda informazzjoni ulterjuri ta' tali regoli jew standards legali maħruġa mill-organu ċentrali, eż. meta l-entitajiet tal-SISBIN jikkondividu data personali bejniethom.
- (94) Barra minn hekk, jidher li hemm differenzi fil-kunċetti dwar is-sensittività tal-informazzjoni, minħabba li skont il-liġi rilevanti li tirregola l-attivitajiet tal-SISBIN, is-sensittività hija relatata mal-grad ta' kunfidenzjalità mogħti lil informazzjoni⁷⁷, u tal-limitazzjoni tal-iskop meta mqabbla mal-prinċipji ġenerali tal-GDPR⁷⁸.
- (95) Kif diġà spjegat aktar 'il fuq, l-Artikolu 4(III)(a) – (c) tal-LGPD, li għie kkodifikat biss wara l-istabbiliment tal-SISBIN u l-istabbiliment ta' politika nazzjonali tal-intelligence, jeżenta l-attivitajiet ta' proċessar tad-data mwettqa esklużivament għall-finijiet tas-sigurtà pubblika, tad-difiża nazzjonali u tas-sigurtà tal-Istat mill-applikazzjoni tal-LGPD, ħlief għall-prinċipji ġenerali stabbiliti tal-protezzjoni tad-data.
- (96) Kif enfasizzat mill-Kummissjoni fl-abbozz ta' Deċiżjoni, il-qafas ġenerali tal-kostituzzjoni Brażiljan kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-Brażil fil-Qorti Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem jappartjenu għall-qafas legali għall-aċċess tal-gvern għall-finijiet tal-intelligence nazzjonali. L-EDPB jirrikonoxxi wkoll li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Suprema Federali tal-Brażil ukoll kellhom rwol importanti fid-definizzjoni tax-xenarju legali⁷⁹. Is-sentenzi tal-Qorti Suprema s'issa kienu appoġġ konċiż u rilevanti għall-iżvilupp ulterjuri tal-protezzjoni ta' data personali f'konformità mal-kostituzzjoni Brażiljana. Fl-istess ħin, ta' min jinnota li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Suprema ma jispjegawx u lanqas ma jistabbilixxu regoli ġenerali astratti dwar il-protezzjoni tad-data għall-proċessar ta' data personali iżda jinterpretaw id-dispożizzjonijiet u l-prinċipji tal-Kostituzzjoni u tal-LGPD.

⁷³ Id-Digriet Presidenzjali Nru 8.793, it-taqsimha 5, isemmi l-SISBIN u l-korpi integrati fiha, l-iskambju tal-għarfien fl-SISBIN u l-ippjanar integrat tal-kooperazzjoni fost il-membri tal-SISBIN bħala strumenti għat-twettiq tal-PNI.

⁷⁴ Ara l-Premessa 202 tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

⁷⁵ Ara l-Artikolu 7(II) tad-Digriet Nru 4.376.

⁷⁶ Ara l-Artikolu 10(XI), disponibbli fuq https://www.planalto.gov.br/ccivil_03/_ato2023-2026/2023/decreto/d11693.htm (26.09.2025).

⁷⁷ Ara d-Digriet Nru 8.793 tal-2016, id-Digriet Nru 11.693, il-Premessa 204 tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

⁷⁸ Ara l-Artikolu 6(I) tal-LGPD li huwa relatat ma' skopijiet leġittimi u speċifiċi, filwaqt li l-GDPR jeħtieġ skopijiet legali u speċifiċi.

⁷⁹ Ara l-Premessa 203 tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

- (97) L-EDPB huwa konxju mill-fatt li l-Istati jingħataw marġni wiesa' ta' diskrezzjoni fid-definizzjoni ta' kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali, li mbagħad jippermetti eżenzjonijiet minħabba s-sigurtà nazzjonali fil-proċessar ta' data personali. F'dan il-kuntest, huwa jfakkar fid-definizzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li skont din it-theddid għas-sigurtà nazzjonali jrid ikun distint min-natura, mis-serjetà tiegħu, u miċ-ċirkostanzi speċifiċi minn riskji ġenerali għas-sigurtà pubblika jew minn reati kriminali serji⁸⁰.
- (98) Huwa fil-fehma tal-EDPB li d-data pproċessata mill-entitajiet tal-SISBIN tibbenefika biss mill-eżenzjoni skont l-Artikolu 4(III) tal-LGPD meta l-proċessar jitwettaq *esklużivament* għall-finijiet tas-sigurtà pubblika, tad-difiża nazzjonali u tas-sigurtà tal-Istat. Dan jidher li japplika speċifikament għall-attivitajiet tal-korp ċentrali tal-SISBIN, l-Aġenzija tal-Intelligence Brażiljana (ABIN, Agência Brasileira de Inteligência). Konsegwentement, sakemm entità tal-SISBIN ma taġixx f'isem l-ABIN għal wieħed minn dawn l-iskopijiet - l-LGPD tapplika bis-sħiħ.
- (99) L-EDPB jitlob lill-Kummissjoni tikkonferma dan il-fehim u tiddekrivi u tispjega b'mod aktar preċiż fl-abbozz ta' Deċiżjoni l-qafas tal-kunċett tas-sigurtà nazzjonali skont il-liġi Brażiljana, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġbir u tal-kondiviżjoni tad-data bejn l-entitajiet u mill-entitajiet f'isem l-attivitajiet tal-SISBIN, u fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-PNI. B'rabta ma' dan, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni tiċċara wkoll kif l-eżenzjonijiet mil-LGPD għall-finijiet ta' sigurtà nazzjonali huma relatati mal-eżenzjoni għas-sigurtà nazzjonali skont il-GDPR.

3.2.3 Trasferimenti ulterjuri u ftehimiet internazzjonali

- (100) L-Artikolu 33 tal-LGPD jiddefinixxi l-prekundizzjonijiet għat-trasferiment internazzjonali tad-data. L-Artikolu 33(I) u (II) tal-LGPD jistabbilixxi rekwiżiti simili għal deċiżjoni ta' adegwatezza jew għar-rekwiżiti għal salvagwardji addizzjonali skont il-GDPR. Dawn ir-rekwiżiti huma rrinunzjati fl-Artikolu 33(III), (VI), (VII) tal-LGPD, li jindirizza l-każijiet ta' "kooperazzjoni legali fost l-intelligence", trasferimenti bi tweġiba għal "impenn meħud fi ftehimiet ta' kooperazzjoni internazzjonali" u trasferimenti "meħtieġa għall-infurzar ta' politika pubblika jew ta' attribuzzjoni legali għas-servizz pubbliku", jiġifieri s-sigurtà nazzjonali u l-intelligence nazzjonali. Din id-deċiżjoni tidher li hija allinjata mal-kunċett tal-Artikolu 4(III) tal-LGPD, li jirrestrinġi l-applikazzjoni tal-LGPD għall-prinċipji tagħha biss fir-rigward ta' kwistjonijiet tas-sigurtà pubblika, tad-difiża nazzjonali, u tas-sigurtà tal-Istat. Għalhekk, jista' jtkompli li trasferimenti ulterjuri għall-finijiet ta' intelligence nazzjonali għandhom jitwettqu f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tad-data tal-LGPD, filwaqt li jkunu soġġetti wkoll għad-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni internazzjonali previsti fl-atti legali li jistabbilixxu l-PNI u l-SISBIN.
- (101) Minkejja dan, l-EDPB jirrikonoxxi li l-Brażil jibgħat data personali lil servizzi tal-intelligence barranin u jaf ikollu bżonn jagħmel dan għall-finijiet ta' kooperazzjoni jew bl-għan li jimplimenta l-PNI skont l-għan li jipprevjeni u jidentifika theddid ibbażat fuq il-kunċett integrat ta' sigurtà msemmi aktar 'il fuq.
- (102) Kif iddikjarat qabel, il-Kummissjoni tirrimarka l-applikabbiltà tal-qafas globali tal-kostituzzjoni Brażiljana u l-garanzija ta' Habeas Data għall-protezzjoni ta' data personali fi ħdan l-SISBIN, li japplikaw ukoll għal trasferimenti ulterjuri għall-finijiet ta' sigurtà nazzjonali. L-EDPB jistieden lill-Kummissjoni tiċċara aktar il-bażi legali u s-salvagwardji u l-kundizzjonijiet tal-protezzjoni tad-data li l-ABIN u l-membri l-oħra tal-SISBIN huma obbligati jikkunsidraw qabel ma jiddivulgaw data personali għall-finijiet ta' intelligence nazzjonali lil sħab barranin.

⁸⁰ Il-QEDB, Big Brother Watch *et al* vs Ir-Renju Unit, il-25 ta' Mejju 2021, § 350.

- (103) L-EDPB jinnota wkoll li fil-valutazzjoni tal-adeqwatezza tagħha l-Kummissjoni ma integratx kunsiderazzjonijiet dwar l-eżistenza ta' ftehimiet internazzjonali konklużi bejn il-Brażil u pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali. Peress li l-LGPD ma tipprovdi leġislazzjoni vinkolanti lil hinn mill-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tad-data, ftehimiet bħal dawn jista' jkollhom dispożizzjonijiet speċifiċi għat-trasferiment internazzjonali ta' data personali miżmuma mill-ABIN jew mill-membri l-oħra tal-SISBIN lejn pajjiżi terzi. L-EDPB iqis li l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali ma' pajjiżi terzi għall-finijiet tal-kooperazzjoni fl-intelligence x'aktarx li taffettwa l-qafas legali dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli.
- (104) Għalhekk, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni tiċċara jekk jeżistux tali ftehimiet internazzjonali għall-finijiet ta' intelligence nazzjonali u tivvaluta l-impatt potenzjali tagħhom fuq il-livell ta' protezzjoni mogħti lid-data personali ttrasferita miż-ŻEE għall-Brażil fir-rigward tal-qafas legali vvalutat primarjament għall-proċessar tad-data għall-finijiet ta' intelligence nazzjonali.

3.2.4 Sorveljanza u Rimedju

- (105) L-abbozz ta' deċiżjoni ta' adegwatezza jippreżenta korpi differenti biex jissorveljaw l-attivitajiet tal-awtoritajiet tas-sigurtà nazzjonali Brażiljani, b'mod partikolari minn dawn li ġejjin: (i) il-Fergħa Eżekuttiva, (ii) il-Fergħa Leġislattiva; (iii) l-ANPD; u (iv) il-Ġudikatura. Fir-rigward tal-ANPD, l-EDPB ifakkar il-kunsiderazzjoni u l-konklużjonijiet li saru fit-Taqsima 3.1.4. ta' din l-Opinjoni, li jibqgħu validi hawnhekk ukoll.
- (106) Skont l-abbozz ta' deċiżjoni, il-Kamra tar-Relazzjonijiet Esterni u tad-Difiża Nazzjonali tal-Kunsill tal-Gvern hija responsabbli biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Pulizija Nazzjonali tal-Intelligence, u l-Uffiċċju tas-Sigurtà Istituzzjonali huwa responsabbli għall-koordinazzjoni tal-attività tal-intelligence federali. L-EDPB jinnota li dan il-kontroll jirreferi biss għall-iżgurar tal-ilħuq tal-oġġettivi mis-Sistema tal-Intelligence u għall-implimentazzjoni tagħhom, iżda ma jinkludi l-ebda setgħa ta' investigazzjoni jew ta' sanzjonar, u ma jkoprix il-proċessar attwali ta' data personali.
- (107) Fil-fatt, huwa f'idejn il-Kumitat Konġunt għall-Kontroll tal-Attivitajiet tal-Intelligence (CCAI, Comissão Mista de Controle das Atividades de Inteligência) (Fergħa Leġislattiva) li jeżerċita kontroll fir-rigward tal-attivitajiet tal-intelligence, b'mod li jkopri l-leġittimità u l-effettività tiegħu. L-EDPB jilqa' l-fatt li l-istruttura u s-setgħat tas-CCAI issa hnew, u dan żied it-trasparenza fuq l-attivitajiet tiegħu u ppermetta lill-korp jeżerċita kontroll xieraq, bħat-tweqqif ta' rieżami *post hoc*, awditi u kontrolli tal-operazzjonijiet li għadhom għaddejjin. L-EDPB jinnota wkoll b'mod pożittiv li s-CCAI jista' jittratta lmenti tas-suġġetti tad-data bħala parti mill-kompetenza tiegħu li jinvestiga lmenti dwar ksur tad-drittijiet u tal-garanziji fundamentali.
- (108) Il-kompetenza tal-Ġudikatura li tisma' kawżi mressqa minn ċittadini kontra l-awtoritajiet pubbliċi hija aspett pożittiv, b'mod partikolari peress li tippermetti sorveljanza ġudizzjarja tal-attivitajiet imwettqa f'isem is-sigurtà nazzjonali, filwaqt li tiżgura l-konformità ma', fost l-oħrajn, id-drittijiet konstituzzjonali (inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data) u l-LGPD. L-EDPB jinnota b'mod pożittiv li l-possibbiltà ta' appell hija prevista permezz tal-Qorti Suprema Federali, u fl-aħħar mill-aħħar permezz tal-Qorti Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem.
- (109) Huwa l-fehim tal-EDPB li fil-kuntest tal-attivitajiet ta' intelligence nazzjonali, is-suġġetti tad-data jiġu pprovduti (i) bid-drittijiet kif stabbiliti fl-LGPD (bħala konsegwenza tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema Federali datata l-15 ta' Settembru 2022); (ii) bid-dritt li jiksbu aċċess u rettifika ta' data personali permezz tal-perkors ta' rimedju konstituzzjonali tal-Habeas Data; kif ukoll (iii) bid-dritt għal kumpens għal dannu materjali u mhux materjali.

(110) L-EDPB jilqa' l-eżistenza ta' tali drittijiet u l-fatt li jistgħu jiġu invokati permezz ta' mekkaniżmi ġudizzjarji u amministrattivi, b'mod partikolari s-CCAI, kif ukoll dak il-fatt li dawn il-perkorsi għar-rimedju huma aċċessibbli għall-individwi kollha, irrISPettivament min-nazzjonalità.

4. IMPLIMENTAZZJONI U MONITORAĠĠ TAL-ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI

(111) Fir-rigward tal-monitoraġġ u tar-rieżami tal-Abbozz ta' Deċiżjoni, l-EDPB jinnota li skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE, "fid-dawl tal-fatt li l-livell ta' protezzjoni żgurat minn pajjiż terz jista' jiżviluppa, il-Kummissjoni għandha, wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46, tivverifika perġodikament jekk il-konstatazzjoni dwar il-livell adegwat ta' protezzjoni żgurat mill-pajjiż terz inkwistjoni għadhiex iġġustifikata fil-fatt u fid-dritt. F'kull każ, tali verifika tkun meħtieġa meta jkun hemm indizji li jifgħu dubji f'dan ir-rigward."⁸¹

(112) L-EDPB jinnota li r-rieżami tal-konstatazzjoni tal-adegwatezza se jsir mill-inqas kull 4 snin, f'konformità mal-Artikolu 45(3) tal-GDPR⁸².

(113) L-EDPB jilqa' l-fatt li fil-premessa 230 tiegħu, l-Abbozz ta' Deċiżjoni jipprevedi l-parteciġpazzjoni tal-EDPB fil-laqqgħa organizzata bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Brażiljani u ddedikata għat-twettiq tar-rieżami tal-funzjonament tad-deċiżjoni ta' adegwatezza. Fir-rigward tal-involviment prattiku tal-EDPB u tar-rappreżentanti tiegħu fit-tnejjja u fil-proċediment tar-rieżamijiet perġodiċi futuri, l-EDPB itenni li kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti, inkluża l-korrispondenza, għandha tiġi kondiviża bil-miktub mal-EDPB bil-quddiem biżżejjed qabel ma jsiru r-rieżamijiet.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Il-President

(Anu Talus)

⁸¹ Is-sentenza tal-QĠUE Schrems I, il-punt 76. Ara wkoll l-Artikolu 3(4) tal-abbozz ta' Deċiżjoni.

⁸² Ara l-Premessa 229 u l-Artikolu 3(4) tal-Abbozz ta' deċiżjoni.